120 ANNIVERSARY

1900 - 2020

# RAPPORT AMMINISTRATTIV 2019 - 2020


GIVOVA
25

## WERREJ


Daħla . . . 3

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2019 . . . 4-5

Il-Kunsill, il-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitati u l-Bordijiet . . . 6-7

Tfassil ta' strateġija ġdida għall-perjodu 2020-2024 . . . 8-9

Riformi ġodda f'Sezzjoni IV tar-regolamenti dwar l-istatus u trasferiment tal-plejers . . . 10-12

COVID-19: L-impatt fuq il-futbol . . . 13-17

Il-120 anniversarju tal-MFA . . . 18-19

Ir-Relazzjonijiet tal-MFA . . . 20-21

Impenji internazzjonali u avvenimenti . . . 22-25

Direzzjoni ġdida għaċ-Ċentru Tekniku – jitniedu diversi proġetti u inizjattivi . . . 26-29

Grassroots . . . 30-33

Coach Education – Korsijiet u CPDs għall-istaġun 2019-2020 . . . 34-37

Is-settur tar-refereeing . . . 38-41

Rebbieħa tal-unuri prinċipali . . . 42-43

Proġetti infrastrutturali . . . 44-45

Faċilitajiet tal-MFA . . . 46-47

L-aspett mediku fi staġun li ħoloq sfidi bla preċedent . . . 48-49

L-importanza tal-komunikazzjoni tispikka aktar waqt il-kriżi tal-COVID-19 . . . 50-53

Rispons pożittiv ferm għall-inizjattivi fil-qasam tal-esports . . . 54-55

Ix-xogħol tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani jibda jħalli l-frott . . . 56-58

Id-Dipartiment tal-Finanzi . . . 59

Tissokta l-ħidma tal-Uffiċċju tal-Integrità . . . 60-61

Football For Life... Aktar proġetti favur l-inklużjoni soċjali u għajnuna lil dawk fil-bżonn . . . 62-65

Inizjattivi edukattivi, korsijiet u skemi ta' għajnuna . . . 66-69

Futsal u Beach Soccer . . . 70-71

Messaġġ tal-President . . . 73

Annessi . . . 74



Ritratti: Domenic Aquilina, Joe Borg, Stephen Gatt u Paul Zammit Cutajar



Din hija pubblikazzjoni tal-Malta Football Association.
Dan il-ktieb jew partijiet minnu ma jistgħux jerġgħu jiġu ppublikati jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-Malta Football Association.



# Daħla

**Nilqgħek għal ħarsa lejn staġun mil-lenti amministrattiva tal-Assoċjazzjoni. Kull staġun ikollu r-rakkonti tiegħu, bis-sodisfazzjon u l-isfidi li jġib miegħu. L-objettivi li ntlaħqu u oħrajn li le.**

L-ewwel sena tal-mandat ta' President ġdid ġabet magħha programm ta' ħidma ġdid li kien jirrikjedi li qabel xejn isir ir-ristrutturar tal-organizzazzjoni biex ikun aktar adattat għall-implimentazzjoni tal-ideat li l-istess programm ġab miegħu u biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fih.

Nista' niddeskrivi l-ewwel nofs ta' dan l-istaġun bħala perjodu ta' aġġustament li fisser moviment għal numru ta' kollegi, il-ħolqien ta' dipartimenti ġodda u r-reklutaġġ ta' impjegati ġodda fi rwoli fejn konna skoperti. Proċess li jirrikjedi transizzjoni li sserraħ fuq id-disponibbiltà u l-koperazzjoni tal-istaff, li l-isforzi tagħhom jagħmlu possibbli l-ħidma kollha li se taqra dwarha.

Proprju fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv, ingħata bidu għal proċess biex l-Assoċjazzjoni jkollha strateġija bil-miktub li tkun tirrifletti l-prijoritajiet li ġie elett fuqhom il-President. Dan kien l-ewwel pass minn proċess li għadu għaddej fejn saret konsultazzjoni wiesgħa, interna u esterna, li se tgħin fil-formulazzjoni ta' din l-istrateġija.

Ċertament, il-fattur komuni li se tara fil-parti l-kbira tal-artikli fil-paġni li ġejjin huwa proprju dak li għamel dan l-istaġun aktar partikolari minn oħrajn. Il-pandemija li faqqgħet lejn nofs Marzu wasslet għal sitwazzjonijiet u ċirkostanzi li qatt ħadd ma jkun qed jistenna u li wisq anqas tista' tkun preparat għalihom. Il-kuntest kien wieħed li tefa' pressjoni kbira fuq diversi livelli.

Minkejja kollox, l-Assoċjazzjoni ħadet dawk il-miżuri u deċiżjonijiet li ppermettewlha li tibqa' għaddejja mingħajr impatt negattiv fuq l-impjegati tagħha u fuq il-klabbs. Għall-kuntrarju, l-impenji kollha li kienu ttieħdu nżammu, inkluż il-ħlasijiet taħt l-iskemi varji minkejja li d-dħul waqaf f'dik li normalment tkun l-aħjar parti tal-istaġun. Li hu żgur hu li wieħed jawgura li ma nirritornawx għal dik is-sitwazzjoni u noħorġu minnha darba għal dejjem.

Ironikament, f'dan iż-żmien fejn kellha tieqaf l-attività agonistika, ix-xogħol mhux talli baqa' għaddej talli ttieħdet l-okkażjoni biex iż-żmien jiġi utilizzat bl-aħjar mod possibbli fejn kull dipartiment indirizza bżonnijiet li forsi ma jkunx hemm wisq ċans inħarsu lejhom f'ċirkostanzi normali bil-fixtures ma jieqfu qatt.

Fuq kollox komplejna bit-titjib fil-proċessi u l-organizzazzjoni interna bil-għan li tiżdied l-effiċjenza. Wieħed seta' jinnota li komplejna bl-isforzi tagħna lejn aktar soluzzjonijiet diġitali li jnaqqsu l-burokrazija, jiffaċilitaw l-affarijiet, u jżidu l-informazzjoni disponibbli u t-trasparenza.

Dan ir-rapport huwa xhieda ta' dak kollu li jsir matul is-sena u li forsi ftit ikollna l-opportunità li nuru. Huwa ta' sodisfazzjon il-fatt li jkun impossibbli ddaħħal kollox – tintebaħ kemm hi ħajja u proattiva l-Assoċjazzjoni. Biex sar dan kollu, kien hemm il-kontribut ta' ħafna nies, partikolarment l-impjegati, li nroddilhom ħajr tal-isforzi tagħhom. Persważ li huma apprezzati minn kull min hu parti mill-familja tal-futbol.

**Dr Angelo Chetcuti**
Segretarju Ġenerali

# Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2019

**L-istaġun amministrattiv 2019-2020 tal-Assoċjazzjoni ngħata bidu bil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret is-Sibt, 20 ta' Lulju, 2019, fil-Ballroom tal-Grand Hotel Excelsior.**

Fost il-mistednin speċjali kien hemm Michele Uva, il-Viċi President tal-UEFA u ex Kap Eżekuttiv tal-FIGC li għamel diskors qasir wara introduzzjoni tal-President Norman Darmanin Demajo.

Fil-bidu tal-laqgħa nżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tal-persuni li kienu involuti fil-logħba tal-futbol f'Malta u li ħallew din id-dinja matul l-aħħar staġun.

Ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2018-2019 ġie ppreżentat minn Dr Angelo Chetcuti, Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni, filwaqt li r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018-2019 ġie ppreżentat mit-Teżorier tal-MFA, Ivan Mizzi.

Dawk kollha preżenti ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv, pubblikazzjoni b'informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet li saru fi ħdan l-Assoċjazzjoni matul l-istaġun 2018-2019.

Intwerew videos fejn ġew elenkati d-diversi attivitajiet tat-timijiet nazzjonali u x-xogħol amministrattiv u infrastrutturali li twettaq mill-MFA fl-istaġun 2018-2019.

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali kienet waħda elettiva għall-President u l-uffiċjali. Iż-żewġ kandidati kienu jiffurmaw parti mill-amministrazzjoni tal-MFA fis-snin preċedenti.

Ir-riżultat tal-votazzjoni minn 137 vot imqassam kien dan: Bjorn Vassallo - 83 vot; Dr Chris Bonett - 54 vot.

B'hekk Bjorn Vassallo nħatar bħala President tal-Assoċjazzjoni.



Il-Laqgħa Ġenerali Annwali 2019 saret fl-20 ta' Lulju fil-Grand Hotel Excelsior.



Bjorn Vassallo jindirizza l-Laqgħa Ġenerali Annwali wara li ġie elett President tal-Assoċjazzjoni.

Saret ukoll l-elezzjoni għall-ħatra tat-tliet Viċi Presidenti tal-Assoċjazzjoni fejn ġew eletti Dr Matthew Paris b'103 voti, Ludovico Micallef b'67 vot, u Adrian Casha b'60 vot.

Ikkontestaw din il-kariga wkoll Dr Peter Fenech, Dr Cory Greenland u Alex Manfrè.

Għall-ħatra ta' Teżorier ma saritx elezzjoni minħabba li kien hemm kandidat wieħed biss, Ivan Mizzi.

Saret l-elezzjoni għall-Membri Ordinarji tal-Kumitat Eżekuttiv għas-sena 2019-2020 li rriżultat hekk:

F'isem il-klabbs tal-Premier Division: Dr Ian Micallef (Gżira Utd FC) u Paul Spiteri (Valletta FC).

F'isem il-klabbs tal-Ewwel Diviżjoni: Joseph Sammut (Pietà H. FC) u Laurence Seychell (Vittoriosa S. FC).

F'isem il-klabbs tat-Tieni Diviżjoni: Godfrey Borg (Luqa SA FC) u Paul Zammit (Melita FC).

F'isem il-klabbs tat-Tielet Diviżjoni: Dr Cory Greenland (Marsaskala FC) u Chris Grech (Għargħur FC).

Chris Muscat (Mġarr Utd FC) u Claudio Martinelli (Tarxien R. FC) ġew eletti biex jirrappreżentaw lill-klabbs kollha b'mod ġenerali.

Lino Bartolo (District Football Leagues) u Lawrence Aquilina (Malta Football Coaches Association) inħatru biex jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjonijiet Membri.

Dr Samuel Azzopardi ġie nominat f'isem il-Gozo Football Association u Joe Micallef f'isem il-Youth Football Association.

Chris Saliba (Żabbar St. Patrick FC) kien iċ-Chairman tal-Kummissjoni Elettorali tal-MFA li mexxiet l-elezzjonijet taħt is-sorveljanza tan-Nutar Tim Ellis.

Tressqu u ġew approvati wkoll diversi emendi għall-Istatut tal-MFA fosthom dawk li jirrigwardaw l-estensjoni tat-terminu tal-kariga tal-Uffiċjali tal-Assoċjazzjoni minn perjodu ta' tliet snin għal erba' snin. Ġew approvati wkoll żewġ mozzjonijiet fir-rigward tal-mandat statutorju tal-ħatra tal-Uffiċjali tal-Assoċjazzjoni u t-tneħħija tas-sospensjoni tal-Malta Football Referees Association.

Fl-għeluq, il-President uxxenti Norman Darmanin Demajo sellem u rringrazzja lil dawk kollha li appoġġjawh fil-ħidma tiegħu għall-ġid tal-futbol Malti matul dawn l-aħħar disa' snin fit-tmexxija tal-Assoċjazzjoni.

Qabel tmiem il-Laqgħa Ġenerali, Bjorn Vassallo għamel l-ewwel diskors tiegħu bħala l-President il-ġdid tal-Assoċjazzjoni għall-erba' snin li ġejjin.

Huwa stqarr li jħossu onorat li ġie elett fit-tmexxija tal-akbar għaqda sportiva fil-pajjiż u esprima l-apprezzament tiegħu lil dawk li tawh l-appoġġ bil-vot tagħhom.

# Il-Kunsill, il-Kumitat Eżekuttiv, il-Kumitati u l-Bordijiet

**Il-Kunsill, l-ogħla organu tal-Assoċjazzjoni bir-rappreżentanza sħiħa tal-Klabbs Membri u l-Assoċjazzjonijiet Membri, iltaqa' seba' darbiet, tlieta fil-Lukanda Grand Hotel Excelsior fil-Floriana, tnejn fis-Centenary Hall li għadha kif ġiet rinovata, u tnejn permezz ta' video conferencing minħabba l-pandemija tal-COVID-19 matul l-istaġun 2019-2020 fejn saru diskussjonijiet twal dwar diversi temi importanti.**

Ġew approvati wkoll għadd ta' emendi fir-regolamenti tal-MFA kif elenkat fl-Anness III. Fost id-deċiżjonijiet ewlenin kien hemm it-tibdil fir-regolamenti dwar l-istatus u t-trasferiment tal-plejers, partikolarment it-tneħħija tal-parametri, kif ukoll it-twaqqif tal-kompetizzjonijiet minħabba l-pandemija.

Il-Kumitat Eżekuttiv kien ukoll attiv b'għaxar seduti, tlieta fil-Grand Hotel Excelsior, tlieta fis-Centenary Hall u erbgħa permezz ta' video conferencing. Fil-bidu tal-istaġun, il-Kumitat adotta l-programm tal-President il-ġdid Bjorn Vassallo bħala l-bażi fit-tfassil ta' pjan strateġiku għall-Assoċjazzjoni.

Il-funzjonarji, il-kumitati, il-bordijiet u l-kummissjonijiet imwaqqfa skont l-istatut tal-MFA ltaqgħu regolarment matul l-istaġun fejn ittieħdu diversi deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet differenti kif jinqalgħu matul il-kompetizzjonijet domestiċi organizzati mill-Assoċjazzjoni kif ukoll dawk dixxiplinarji mill-Assoċjazzjonijiet Membri.

Il-Kummissarju tad-Dixxiplina żamm 54 seduta li fihom ingħataw madwar 7,840 sanzjoni.

Il-Bord tal-Kontroll u d-Dixxiplina ltaqa' sitt darbiet fejn instemgħu 'l fuq minn 112-il akkuża lil klabbs jew individwi.




**Il-Kumitat Eżekuttiv iltaqa' 10 darbiet fl-istaġun 2019-2020. Erbgħa minn dawn il-laqgħat saru online.**




Il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv għall-istaġun 2019-2020.

Fost it-tribunali ġudizzjarji l-oħra l-aktar impenjat kien il-Bord tal-Appell li ltaqa' 12-il darba u sema' xejn anqas minn 21 każ. Il-Complaints Board iltaqa' 10 darbiet fejn ġew deċiżi 40 każ.

Kienu attivi wkoll, skont il-każ, il-Bord tal-Protesti, il-Member Clubs Licensing Board, il-Players' Status Board, ir-Referees Committee, l-iSports Facilities Board, il-Coaches Licensing Committee, il-Youth and Grassroots Committee, il-Medical Committee, is-Social Dialogue Committee u s-Safety and Security Committee.

Matul l-istaġun saru laqgħat ukoll tal-bordijiet l-oħra fosthom il-Kummissjoni Elettorali, il-Football Social Responsibility Committee (b'Norman Darmanin Demajo miżjud bħala Deputy Chairman), is-Safeguarding Board, u l-Futsal and Beach Soccer Committee.

Il-kumitati ġodda ad-hoc fosthom l-Istatute Reform Committee, il-Licensing Reform Committee, l-Ethics and Integrity Committee, il-Professional Football Committee, u l-Professional Leagues Committee kienu attivi ferm bl-aħħar tnejn li ppreżentaw ir-rapporti mitluba lilhom skont il-pjan diskuss magħhom fil-bidu tal-istaġun. ■

| Complaints Board | 2019-2020 | 2018-2019 |
|---|---|---|
| Seduti | 10 | 12 |
| Każi | 40 | 58 |

| UEFA Licences | 2019-2020 | 2018-2019 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet | 10 | 10 |
| Approvati | 6 | 7 |
| Rifjutati | - | - |
| Irtirati | 4 | 3 |
| SGS Audit | Approvat | Approvat |

| Nursery Licences | 2019-2020 | 2018-2019 |
|---|---|---|
| A | 24 | 24 |
| B | 7 | 8 |
| C | 10 | 9 |
| Mingħajr liċenzja | 2 | 1 |
| Ma applikawx | 10 | 11 |



Waħda mil-laqgħat tal-Football Social Responsibility Committee li saru matul l-istaġun.

# Tfassil ta' strateġija ġdida għall-perjodu 2020-2024

**Sa mill-ewwel laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv f'Awwissu 2019, il-programm propost mill-President Bjorn Vassallo lil-Laqgħa Ġenerali li ħatritu ġie adottat mill-Assoċjazzjoni bħala l-bażi fit-tfassil ta' strateġija. Fl-istess perjodu Dr Dawn Aquilina nħatret bħala Strategy Officer biex issegwi proprju dan il-perkors u l-allinjament tal-partijiet kollha mal-istrateġija li qed titfassal.**

Fil-bidu ta' Jannar, delegazzjoni mill-UEFA kellha laqgħa mal-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni fejn matulha ppreżentat diversi eżempji Ewropej u saħqet dwar l-importanza li kull assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol ikollha pjan strateġiku biex tamministra b'mod aktar professjonali. Din l-inizjattiva tagħmel parti mill-mentoring process fi ħdan il-programm UEFA GROW.

## UEFA GROW

Il-UEFA GROW huwa programm estensiv li jipprovdi assistenza u gwida minn esperti f'diversi oqsma lill-55 Assoċjazzjoni Nazzjonali fi ħdan il-UEFA. L-għan ewlieni ta' dan il-programm huwa li l-assoċjazzjonijiet jisfruttaw il-potenzjal tagħhom sabiex b'mod sistematiku u strateġiku jkabbru l-futbol f'pajjiżhom.

Il-UEFA GROW jipprovdi lil kull assoċjazzjoni bi programm imfassal apposta li jinkludi informazzjoni minn riċerka xjentifika, għarfien tal-ambjent tal-futbol, kompetenza tal-UEFA u esperti mill-industrija biex jevalwaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tal-Assoċjazzjoni fis-setturi varji.




**It-tfassil ta' pjan strateġiku kien diskuss waqt laqgħa li l-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni kellhom ma' delegazzjoni tal-UEFA f'Jannar.**




## FOOTBALL FEDERATIONS OF THE FUTURE

Football Federations of the Future huwa proġett importanti mniedi bħala parti mill-UEFA GROW – qafas speċifiku li permezz tiegħu kull assoċjazzjoni nazzjonali tista' tevalwa l-istat attwali tagħha fl-ippjanar strateġiku.

Dan jippermetti lil kull assoċjazzjoni tfassal viżjoni ċara u direzzjoni għall-futur tal-futbol fil-pajjiż rispettiv. Hija mibnija fuq il-prinċipju ta' analiżi interna, b'direzzjoni mill-UEFA. Kull assoċjazzjoni hija kapaċi tiddetermina l-istatus preżenti tagħha f'kull aspett tal-iżvilupp u tuża dan l-eżerċizzju bħala l-bażi biex tfassal pjan ta' ħidma sal-2024, pjan li jmiss kull qasam tal-organizzazzjoni. Hekk fil-fatt kienet qiegħda tagħmel l-MFA fix-xhur li għaddew permezz ta' konsultazzjoni estensiva interna u esterna.

Minħabba l-pjanijiet ta' żvilupp tagħhom stess jew prijoritajiet strateġiċi, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali mhux neċessarjament ikunu fl-istess stadju ta' progress fl-oqsma kollha tal-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Tista' tkun avvanzata f'ċertu oqsma jew fil-bidu tal-iżvilupp f'oħrajn.

Huwa ddokumentat sew fil-letteratura li l-istrateġija żżid iċ-ċans ta' suċċess ta' organizzazzjoni sportiva, kif muri pereżempju mill-Iżlanda. Dan minħabba li l-amministrazzjoni tista' tagħmel użu aktar effettiv tal-ħin u r-riżorsi limitati billi tallokahom b'mod razzjonali.

Pjan ċar, imfassal bil-kontribut tal-impjegati kif ukoll voluntiera, jgħin biex dawn jibqgħu motivati u ffukati fuq l-għanijiet li l-assoċjazzjoni tixtieq tilħaq. Dan iwassal għal kordinazzjoni u simplifikazzjoni aħjar tal-attivitajiet li jagħmlu l-organizzazzjoni aktar dinamika u effiċjenti.

F'dan il-proċess li issa jinsab fi stadju avvanzat, ġew identifikati n-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-Malta Football Association li jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' approċċ aktar professjonali li fuqu tkun ibbażata kull azzjoni futura.

**Pjan ċar, imfassal bil-kontribut tal-impjegati kif ukoll voluntiera, jgħin biex dawn jibqgħu motivati u ffukati fuq l-għanijiet li l-Assoċjazzjoni tixtieq tilħaq**

Hu previst li wara perjodu ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-imsieħba interni u esterni tagħna, inkunu nistgħu niddeterminaw il-viżjoni, il-missjoni, il-valuri, l-irwoli u l-għanijiet tagħna għall-erba' snin li ġejjin f'dokument strateġiku li se jkun ippubblikat għal Ottubru 2020.

Dan kollu jirrikjedi bidla fil-kultura amministrattiva li diġà qiegħda ssir gradwalment biex il-mod kif taħdem l-Assoċjazzjoni jkun wieħed aktar miftuħ, organizzat u effiċjenti.

# Riformi ġodda f'Sezzjoni IV tar-regolamenti dwar l-istatus u trasferiment tal-plejers

**Fis-seduta tiegħu tat-8 ta' Ġunju, 2020, il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni approva sett ta' emendi fir-Regulations on the Status and Transfer of Players (Sezzjoni IV tar-Regolamenti), li daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Ġunju 2020, uffiċjalment il-bidu tal-istaġun 2020-2021.**

Il-proċess li wassal għal dawn it-tibdiliet kien immexxi primarjament mill-Kumitat tad-Djalogu Soċjali li jiġbor fi ħdanu rappreżentanti tal-klabbs u plejers. L-għan ewlieni kien li dawn ir-regolamenti jiġu aktar konformi ma' dawk tal-FIFA, li kienet qegħda ssegwi dan il-perkors mill-qrib.

Il-proċess biex jinbidlu dawn ir-regolamenti kien beda fl-2011 meta kien sar ftehim bejn l-Unjoni Ewropeja, l-FIFA u l-UEFA, minħabba pressjoni li kienet qed tinbena biex tiġi rispettata l-libertà tal-moviment fil-futbol.

Fl-2012 kien iffirmat ftehim bejn l-imsieħba internazzjonali u lokalment bdew ukoll in-negozjati bejn l-imsieħba soċjali dwar il-qafas regolatorju. F'dan il-perjodu kien għad fadal diversi pajjiżi li ma kienux qed jimxu mad-deċiżjoni tal-Qorti magħrufa bħala l-Bosman Rule li kienet ittieħdet fl-1995, fosthom Malta.

Il-Kummissarju tat-Tfal ta' dak iż-żmien, Helen D'Amato, kienet qajmet din il-kwistjoni diversi drabi sabiex l-Assoċjazzjoni tiġi konformi. Il-pressjoni fuq l-MFA kienet għax it-tfal ma setgħux jirreġistraw minn klabb għal ieħor liberalment.

Il-UEFA waqqfet Task Force li kienet żaret Malta f'tour li kienet qed tagħmel madwar l-Ewropa biex tiddiskuti r-rekwiżiti minimi li kellu jaddotta kull pajjiż fit-territorju Ewropew u pajjiżna kien is-17-il tappa mill-55 pajjiż tal-Ewropa.

L-Assoċjazzjoni kienet bdiet il-proċess li wassal sal-ġurnata li kellha l-obbligu li r-regolamenti jkunu emendati sal-aħħar tal-istaġun 2019-2020.

Kieku ma ttieħidx vot f'dan ir-rigward fil-Kunsill favur dawn ir-regolamenti kien hemm ir-riskju li jittieħdu sanzjonijiet kontra Malta mill-FIFA, bil-possibbiltà li l-FIFA kienet timponi dawn ir-regolamenti fuq l-MFA b'mod tassattiv. Bid-deċiżjoni tal-Kunsill, infetaħ is-suq, is-sistema ġiet liberalizzata u tkissret il-burokrazija.






**It-tibdil fir-regolamenti jaffetwa kemm plejers professjonali kif ukoll dawk amateurs.**

## TIBDILIET PRINĊIPALI

### Il-plejer professjonali

- Il-kuntratt tal-plejer jirregola r-rabta tiegħu mal-klabb.

Ladarba l-kuntratt jiskadi, l-plejer huwa liberu li jiġi rilaxxat jew li jirreġistra ma' klabb ieħor mingħajr kumpens.

Għaldaqstant, il-klabb irid jieħu ħsieb iġedded il-kuntratti tal-plejers li jixtieq iżomm miegħu qabel dawn jiskadu. Ir-reġistrazzjoni tal-plejer taqa' awtomatikament mal-iskadenza tal-kuntratt. Ara l-Art. 2.9.

- F'każ ta' trasferiment matul il-perjodu tal-kuntratt, il-klabb huwa liberu li jistabbilixxi l-kumpens li jrid biex tali trasferiment iseħħ.

- Fejn klabb ma jħallasx plejer għal xahrejn konsekuttivi (fil-każ ta' plejers full-time) jew erba' xhur konsekuttivi (fil-każ ta' plejers part-time), il-plejer ikollu dritt li jagħti lill-klabb perjodu ta' 15-il jum biex iħallsu u jekk il-klabb jonqos milli jagħmel dan, il-plejer ikollu dritt li jingħata r-release mill-Complaints Board[1]. Ara l-Art. 2.2.4.1(h).

- It-Transfer List tneħħiet.

- Ir-regolamenti issa jistabbilixxu mekkaniżmu ta' likwidazzjoni tad-danni f'każ ta' ksur unilaterali ta' kuntratt bejn plejer u klabb. Dan biss jekk il-kuntratt innifsu ma jistabbilixxix tali mekkaniżmu. Ara l-Art. 2.2.3(f).

- It-training compensation dovut malli plejer jingħata l-ewwel kuntratt professjonali għandu jitħallas qabel jiġi reġistrat tali kuntratt. Għaldaqstant, il-klabbs li kien magħhom il-plejer bejn l-etajiet ta' 12 u 21 sena m'għandhomx għalfejn jitolbu l-ammonti dovuti lilhom f'kumpens ta' dan it-tip. Hemm il-possibbiltà li t-training compensation jiġi depożitat l-MFA u jiġi distribwit mill-Assoċjazzjoni lill-klabbs intitolati għalih. Ara l-Art. 2.11.5(c).

- Fl-aħħar sitt xhur tal-kuntratt tiegħu, plejer jista' jinnegozja u jidħol f'kuntratt ġdid ma' klabb ieħor. Dan biss jekk il-klabb il-ġdid ikun informa uffiċjalment lill-klabb li miegħu jkun reġistrat il-plejer. Ara l-Art. 2.6.2.

---

1 Il-perjodu qabel dawn l-emendi kien ta' tliet xhur, irrispettivament jekk il-plejer huwiex full-time jew part-time.

2 Skont id-data tat-twelid. Fi tmiem l-istaġun 2019-2020, għandhom dritt jiċċaqalqu l-plejers imwielda fl-2001.

## Il-plejer amateur

- Ir-reġistrazzjoni ta' plejer amateur se tibqa' kif inhi fl-etajiet ta' 12-il sena u ta' 14-il sena (sa 18 jew 19-il sena[2]). Fi tmiem dawn il-perjodi ta' reġistrazzjoni, il-plejer huwa liberu li jiġi rilaxxat jew jibdel il-klabb mingħajr kumpens. In-'nursery compensation' tneħħiet. Ara l-Art. 3.1.4(a) u (b).

- Reġistrazzjoni li ssir wara l-istaġun li jibda fis-sena li fiha l-plejer jagħlaq 18-il sena hija valida għal żewġ staġuni, nkluż dak li matulu ssir ir-reġistrazzjoni. F'dan il-każ, il-plejer jista' jinħall jew jiċċaqlaq biss fi tmiem it-tieni staġun jekk jinforma lill-klabb tiegħu u lill-Assoċjazzjoni sal-31 ta' Lulju. Fin-nuqqas ta' dan, ir-reġistrazzjoni tiġġedded għal żewġ staġuni oħra. Ara l-Art. 3.1.4(c) u 3.1.5.

- Il-Players' Amateur List (fil-passat magħrufa bħala Retained List) trid tiddaħħal sal-aħħar ta' Ottubru (u mhux bħal qabel f'April). In-numri massimi ta' plejers fil-faxex differenti ta' età ġew aġġustati u simplifikati: 50 plejer sa 15 jew 16-il sena (skont id-data tat-twelid); u 50 plejer 'il fuq minn 15-il sena. Fil-każ ta' plejers femminili n-numri huma 15-il plejer sa 15 jew 16-il sena (skont id-data tat-twelid); u 35 plejer 'il fuq minn 15-il sena. Ara l-Art. 3.20.



In-nursery compensation tneħħiet.

- Plejers amateurs li jkunu ġejjin minn Assoċjazzjoni Nazzjonali oħra u li allura jkollhom bżonn l-International Transfer Certificate iridu jiġu reġistrati permezz tas-sistema FIFA TMS. Dawn jistgħu jiġu rreġistrati biss fil-perjodu ta' reġistrazzjoni għall-plejers professjonali.

- Plejer li jilgħab fi kwalunkwe diviżjoni tal-Kampjonat Nazzjonali ma' jistax jilgħab ma' timijiet tal-futbol ta' Assoċjazzjonijiet Membri. Jista' jilgħab biss ma' tim tax-xogħol jew skola.

## REGOLI LI JOLQTU KEMM LILL-PLEJERS PROFESSJONALI KIF UKOLL DAWK AMATEUR

- Plejers li jtemmu l-attività tagħhom (jiġifieri ma jibqgħux attivi) jibqgħu reġistrati sa 30 xahar mill-aħħar logħba milgħuba.

- Il-fees tal-Complaints Board huma maqsuma fi tliet kategoriji skont l-ammont tat-talba:

  €25 għal talbiet sa €2,500;

  €100 għal talbiet bejn €2,500 u €10,000; u

  €250 għal talbiet ta' aktar minn €10,000.

Bħala riżorsa ta' għajnuna addizzjonali dwar dawn it-tibdiliet tħejja ktejjeb li huwa aċċessibbli online billi tidħol fis-sit https://info.mfa.com.mt/resources. Dan jikkonsisti fi spjegazzjoni simplifikata tal-prinċipji b'referenzi għar-regolamenti rispettivi.

Matul is-snin il-futbol Malti esperjenza diversi diffikultajiet biex jindirizza bosta nuqqasijiet fil-logħba. In-nuqqas ta' libertà tal-moviment tal-plejers professjonali, anke meta jkun skada l-kuntratt, kienet waħda mill-aktar evidenti. L-imsieħba soċjali u l-partijiet kollha urew maturità fl-indirizzar u fl-adozzjoni tal-bidla, bl-isfidi u l-opportunitajiet kollha li ser iġġib magħha. Għaldaqstant, wieħed jittama li dan l-approċċ se jwitti t-triq għal progress simili f'oqsma oħra fil-governanza tal-futbol lokali.

# COVID-19: L-impatt fuq il-futbol

**Il-perjodu tal-COVID-19 kien bla preċedent, nissel inċertezza madwar id-dinja kollha, mhux inqas f'Malta, u laqat ħażin numru ta' setturi, inkluż il-futbol.**

Il-futbol anke f'Malta huwa segwit u jinvolvi l-għajxien ta' mijiet ta' nies, li iżda bħal kull ħaġa oħra niżel għarkupptejh quddiem il-prijoritajiet mediċi u s-saħħa tal-bniedem li bla dubju kellhom, u għad għandhom, jieħdu preċedenza assoluta.

Matul dan il-perjodu l-MFA żammet kuntatt regolari kemm mal-Awtoritajiet tas-Saħħa kif ukoll laqgħat kontinwi u b'mod virtwali mal-imsieħba kollha involuti fil-logħba tal-futbol, apparti sensiela ta' miżuri li ġew introdotti minn żmien għal żmien marbuta mal-evoluzzjoni taċ-ċirkostanzi li ġabet magħha din il-pandemija.

Kruċjali f'dan il-perjodu kien ukoll il-kuntatt kontinwu li l-Assoċjazzjoni kellha mal-FIFA u l-UEFA fuq diversi livelli. Anke f'dan il-livell inħassu diffikultajiet kbar u bla preċedent. Hawn ingħataw linji gwida bħala bażi u biex assoċjazzjonijiet membri jimxu magħhom. Dan kien jgħodd għall-aspett mediku imma anke dak regolatorju, partikolarment ir-relazzjonijiet kuntrattwali li jeżistu fil-logħba.

Mil-lat ta' futbol milgħub, l-ewwel impatt tal-COVID-19 imur lura għat-12 ta' Marzu, 2020, meta f'deċiżjoni urġenti bis-sitwazzjoni lokalment tevolvi b'pass mgħaġġel, il-Bureau tal-Assoċjazzjoni ssospenda l-kompetizzjonijiet domestiċi kollha tal-futbol u tal-futsal, inizjalment għal għaxart ijiem, sakemm din is-sospensjoni ġiet estiża sal-5 ta' April u sussegwentament għal perjodu indefinit.

Mill-bidu u anke fuq pariri tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) kien jidher evidenti li dan il-virus se jinfirex b'ritmu mgħaġġel, għalhekk daqskemm kien se jkun ta' periklu għall-ispettaturi, daqstant ieħor għall-plejers fuq il-pitch, uffiċjali u nies oħra involuti fil-logħba u kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni f'waqtha li l-kompetizzjonijiet u kull attività tal-futbol f'kull livell jiġu sospiżi b'mod immedjat.




**Il-President tal-MFA Bjorn Vassallo jindirizza konferenza stampa dwar l-impatt tal-COVID-19.**

Id-deċiżjoni tal-Bureau li jissospendi l-kompetizzjonijiet mit-13 ta' Marzu ħabtet ukoll ma' diversi deċiżjonijiet meħuda mill-Gvern Ċentrali fosthom li jingħalqu l-iskejjel, iċ-childcare centres, il-knejjes u attivitajiet oħra tal-massa.

Kif jaf kulħadd, is-sitwazzjoni evolviet aktar biex saħansitra anke l-ajruport kellu jingħalaq u dan wassal biex l-impenji tat-timijiet nazzjonali proprju fl-istess xahar ta' Marzu tħassru wkoll.

Il-logħbiet ta' ħbiberija skedati kontra Ġibiltà u Ażerbajġan tħassru, kif ġara wkoll liż-żewġ impenji fil-Gozo Stadium għat-tim Malti ta' taħt il-21 sena mill-grupp ta' kwalifikazzjoni kontra l-Ukrajna u l-Finlandja. Dan apparti impenji oħra skedati għat-timijiet Maltin bħall-UEFA Development Tournament ta' taħt is-16-il sena f'Malta li kien skedat bejn it-8 u t-13 ta' April.

Fis-17 ta' Marzu, waslet id-deċiżjoni min-naħa tal-UEFA li ma kellhiex triq oħra ħlief li tipposponi b'sena l-EURO 2020. Dan tħabbar f'waħda minn sensiela ta' laqgħat li kienu qegħdin isiru minn żmien għal żmien għas-Segretarji Ġenerali tal-55 assoċjazzjonijiet membri tal-UEFA.

Fl-istess ġurnata l-UEFA ressqet riżoluzzjoni dwar pjan ta' kontinġenza fejn jidħol l-istaġun 2019-2020. L-MFA kienet proattiva u minnufih estendiet sal-5 ta' April is-sospensjoni tal-kampjonati lokali.

Tħassret ukoll logħba internazzjonali ta' kwalifikazzjoni għat-tim Malti tan-nisa kontra d-Danimarka li kienet skedata għall-14 ta' April.

Fl-20 ta' Marzu, l-MFA reġgħet sejħet l-imsieħba kollha fil-futbol Malti li ġew mgħarrfa bl-aħħar deċiżjonijiet u direttivi mħabbra mill-UEFA marbuta mal-impatt tal-COVID-19, fost l-oħrajn diskussjoni miftuħa dwar ir-rekwiżiti meħtieġa fl-eventwalità li l-istaġun domestiku kellu jitkompla.

Kien imiss deċiżjoni oħra importanti min-naħa tal-UEFA anke fid-dawl tas-sitwazzjoni fejn ix-xenarju f'pajjiżi kbar bħal Spanja, l-Italja u r-Renju Unit kien qiegħed imur għall-agħar. Fil-fatt, ġew posposti għal dati iktar tard din is-sena l-finali tal-UEFA Women's Champions League, il-finali tal-UEFA Europa League u l-finali tal-UEFA Champions League.



**Il-kompetizzjonijiet domestiċi ġew sospiżi fit-12 ta' Marzu minħabba l-imxija tal-COVID-19.**



L-MFA pproduċiet programm televiżiv għat-tfal u żgħażagħ waqt il-COVID-19.

## L-IMPATT FINANZJARJU U GĦAJNUNA MILL-GVERN

F'dan il-perjodu, l-Assoċjazzjoni aġixxiet mill-ewwel bi stħarriġ mal-klabbs membri dwar l-impatt finanzjarju. Kien importanti u apprezzat mhux ftit il-fatt li l-futbol ġie inkluż fost is-setturi li setgħu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja mill-Gvern bħala sostenn għall-impatt ekonomiku li l-COVID-19 ħalliet fuq bosta setturi fil-pajjiż.

B'hekk dawk il-persuni li kellhom impjieg relatat mal-futbol ibbenefikaw mis-suppliment tal-paga bħala parti mill-pakkett finanzjarju ta' għajnuna kif ġestita mill-Malta Enterprise.

L-Assoċjazzjoni tirringrazzja b'mod partikolari lil Dr Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji, għall-għajnuna tiegħu f'dan kollu.

Fl-1 ta' April, il-UEFA ħarġet komunikat ieħor fejn ipposponiet l-impenji kollha internazzjonali u ta' kull kategorija li kienu skedati għal Ġunju. Tħassru wkoll logħbiet ta' ħbiberija fil-livell ta' kbar, kif ukoll tournaments taż-żgħażagħ fosthom il-fażi finali tal-Kampjonat Ewropew ta' taħt is-17 u d-19-il sena kemm fil-kategorija tan-nisa kif ukoll f'dik tal-irġiel. Fost dawn kien hemm l-impenn prestiġjuż f'partita ta' ħbiberija tat-tim nazzjonali Malti kontra l-Portugall.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, fl-ewwel jiem ta' April l-MFA nediet programm televiżiv bil-għan li t-tfal u anke l-adulti jkunu megħjuna jużaw aħjar il-ħin tagħhom id-dar, iżommu ruħhom attivi u f'saħħithom, fuq kollox b'kuntatt mal-ballun b'sensiela ta' eżerċizzji permezz tal-programm #TrainingwithMFA.

Il-programm kien jixxandar kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni prinċipali. Kien jattira wkoll ammont ġmielu ta' segwaċi fuq YouTube Channel tal-Assoċjazzjoni.

Ftit ġimgħat qabel bdiet din is-sensiela ta' programmi televiżivi, l-Assoċjazzjoni nidiet inizjattiva oħra, din id-darba mmirata lejn il-ħaddiema fis-settur tas-saħħa li b'tant dedikazzjoni u sagrifiċju kienu qed jaqdu funzjoni kruċjali fil-ġlieda kontra l-COVID-19.

Permezz ta' din l-iskema, ngħatat akkomodazzjoni bla ħlas lill-ħaddiema fis-settur tas-saħħa. L-Assoċjazzjoni pprovdiet numru ta' kmamar lill-Ministeru tas-Saħħa wara li laħqet qbil ma' erba' sidien ta' lukandi u propretajiet li kollha huma involuti fil-futbol.

L-ispejjeż kollha ta' din l-inizjattiva koprithom l-MFA bħala parti mill-programm Football For Life.

Bis-sitwazzjoni stabbli u l-ebda xaqq ta' dawl li l-COVID-19 qed ittaffi, lejn nofs April l-MFA adottat il-linji gwida mressqa mill-FIFA fuq ċerti aspetti regolatorji bħas-sitwazzjonijiet kuntrattwali bejn klabbs u plejers kif ukoll ċerti deċiżjonijiet li l-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali kellhom jieħdu skont is-sitwazzjoni f'pajjiżhom fejn jidħol is-suq tat-trasferimenti.

Il-linji gwida kienu ċari u imposti fuq l-Assoċjazzjonijiet Membri kollha bil-għan li jiġu armonizzati fl-interess komuni u biex il-logħba tal-futbol tiġi salvagwardjata u sostnuta fiż-żmien ta' wara l-pandemija.

Fid-dawl ta' dan kollu, lokalment il-Kumitat għad-Djalogu Soċjali fassal sensiela ta' linji gwida biex jgħinu lill-klabbs u plejers jiddiskutu bejniethom f'din is-sitwazzjoni straordinarja bil-għan li l-piż jinqasam b'mod raġonevoli.

## DISKUSSJONIJIET MAL-AWTORITAJIET TAS-SAĦĦA

Fl-20 ta' April, il-President Bjorn Vassallo u s-Segretarju Ġenerali Dr Angelo Chetcuti, kellhom laqgħa mal-Awtoritajiet tas-Saħħa, fuq quddiem il-Ministru Chris Fearne u s-Supretendent għas-Saħħa Pubblika, il-Professur Charmaine Gauci.

Diskussjonijiet, li iżda l-eżitu tagħhom baqa' wieħed vag bis-sitwazzjoni marbuta mal-pandemija f'Malta kienet għadha ferm 'il bogħod milli tirritorna għan-normal. Fl-istess waqt, l-awtoritajiet ma kinux f'pożizzjoni li jagħtu l-assigurazzjonijiet meħtieġa biex titkompla l-attività agonistika.





Tħejja protokoll mediku għas-sessjonijiet ta' taħriġ tat-timijiet nazzjonali kollha matul ix-xahar ta' Lulju.

Fl-aħħar ta' April, il-Malta Football Association ħabbret li kienet ser tikkonferma u anzi tħallas bil-quddiem flejjes taħt żewġ skemi għall-klabbs, biex b'hekk jittaffew ftit id-diffikultajiet li kienu qegħdin jiffaċċjaw.

Il-kumplament tal-budget allokat għall-Guaranteed Gate Income Scheme, li laħħaq it-total ta' €264,250, tħallas sal-aħħar ta' Mejju 2020, filwaqt li ġie antiċipat ukoll il-ħlas taħt id-Development Pot – Use of Young Players Scheme, li kien ilaħħaq €170,000.

Fid-29 ta' April, il-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA ddeċieda li jittermina l-Kampjonati tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Diviżjoni, kif ukoll il-Youth Leagues tas-subien u l-bniet. Dan wara sensiela ta' laqgħat li l-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni kellhom mar-rappreżentanti tal-klabbs mid-diviżjonijiet kollha.

Sadanittant il-UEFA kienet stabbilixxiet il-25 ta' Mejju bħala skadenza għall-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali biex jikkomunikawlha humiex se jkomplu l-kampjonati ewlenin tagħhom. L-iskadenza l-oħra kruċjali kienet dik marbuta mad-data li fiha kull assoċjazzjoni kellha telenka u tippreżenta lill-UEFA l-lista tal-klabbs li kienu se jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet Ewropej fl-istaġun li ġej.

Proprju ftit jiem qabel id-deċiżjoni, tat-Tnejn 18 ta' Mejju, dwar il-kampjonati, il-President Vassallo u s-Segretarju Ġeneral Chetcuti reġgħu ltaqgħu mal-Awtoritajiet tas-Saħħa, fejn ingħataw l-ikbar indikazzjoni u l-kważi ċertezza li r-restrizzjonijiet stabbiliti bl-Avviż Legali 101 tal-2020 marbuta ma' sport ta' kuntatt ma kienux se jiġu rtirati.

Il-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda b'mod unanimu li jittermina anke l-Kampjonat Premier u l-FA Trophy, nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju.

## EŻITI SPORTIVI

Kien imiss li jingħataw il-verdetti sportivi qabel jinżel is-siparju fuq l-istaġun 2019-2020. Id-deċiżjoni finali ttieħdet mill-Kunsill tal-MFA, nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju, fejn iltaqa' b'mod virtwali biex b'vot sigriet iddeċieda dwar dawn il-verdetti marbuta mal-mertu sportiv kif rifless fil-klassifiċi rispettivi.

Il-Kunsill iddeċieda li t-timijiet li kienu fl-ewwel post fid-diversi kategoriji meta l-kampjonati nazzjonali ġew itterminati kellhom jiġu ddikjarati rebbieħa.

Dan fisser li Floriana ġew dikjarati champions tal-Kampjonat BOV Premier għal dan l-istaġun, Żejtun Corinthians rebbieħa tal-Ewwel Diviżjoni, Lija Athletic promossi magħhom fil-Kampjonat Premier, Marsa rebbieħa tat-Tieni Diviżjoni, u San Ġwann u Marsaxlokk promossi magħhom fl-Ewwel Diviżjoni. Hawnhekk ġew promossi tliet timijiet u mhux tnejn minħabba li t-timijiet fit-tieni u t-tielet post qabel twaqqaf il-kampjonat kienu bl-istess ammont ta' punti iżda mhux bl-istess total ta' partiti milgħuba. Attard FC ġew dikjarati champions tat-Tielet Diviżjoni.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ma jkun hemm l-ebda relegazzjoni biex b'hekk b'mod tranżitorju l-Kampjonat Premier fl-istaġun li ġej ser ikun magħmul minn 16-il tim u l-Ewwel Diviżjoni (imsejjaħ Challenge League) se jkun bi 15-il tim.

Fost verdetti oħra, Birkirkara ġew dikjarati rebbieħa tal-Kampjonat tan-Nisa, u Luxol St Andrews konfermati champions tal-futsal.



Dan il-perkors ikkomplikat iżda fuq kollox metikoluż għall-MFA ġie fi tmiemu, l-Erbgħa, 3 ta' Ġunju li għadda, meta l-Assoċjazzjoni rreaġixxiet għal wieħed mill-aħħar komunikati tal-Gvern li jgħid li sport kompetittiv u ta' kuntatt seta' jirritorna mill-15 ta' Lulju.

Dan kien ifisser li l-MFA, permezz tal-fora kompetenti tagħha, kienet aġixxiet bil-għaqal bid-deċiżjonijiet meħuda. Dan anke fid-dawl tal-iskadenza msemmija tal-20 ta' Lulju imposta mill-UEFA minħabba li sa din id-data kieku kellhom ikunu magħrufa l-verdetti sportivi.

Żmien ta' ħamest ijiem biss, li kien jagħmilha impossibbli biex jintlagħbu 42 partita oħra li kien fadal biex jintemm il-Kampjonat Premier. Wieħed ma jistax ma jsemmix id-diffikultajiet li kienu se jħabbtu wiċċhom magħhom il-maġġoranza tal-klabbs. Li hu żgur hu li l-Assoċjazzjoni għamlet sforzi kbar biex tkun preparata għal kull eventwalità, inkluż bit-tħejjija ta' protokoll mediku li kien se jkun impenjattiv u ta' piż sostanzjali biex jiġi attwat.

Xorta waħda dawn jibqgħu żminijiet ta' inċertezza fejn wieħed ma jistax jeskludi l-possibbiltà li dan il-virus ma jerġax jitfaċċa. Il-futbol, bħal setturi oħra, irid jadatta għal din ir-realtà li lkoll nittamaw li ma ddumx ma tingħeleb.

# Il-120 anniversarju tal-MFA

**L-2020 hija sena li fiha l-Malta Football Association qed tiċċelebra anniversarju mportanti tal-120 sena mit-twaqqif tagħha.**

Iż-żmien bla preċedent li għadna kemm għaddejna minnu bl-imxija tal-pandemija COVID-19 xekkel mhux ftit l-attivitajiet li kienu mħejjija biex jimmarkaw dan l-avveniment important iżda ma waqqafx l-Assoċjazzjoni milli tvara dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, inizjalment b'mod virtwali.

Dokumentarju li xxandar nhar l-Erbgħa 29 ta' April, fuq il-pjattaformi diġitali tal-MFA u ntwera wkoll fuq TVM2, ta ħarsa dettaljata lejn l-avvenimenti prinċipali, memorabbli jew inqas memorabbli, li l-MFA għaddiet minnhom f'dawn il-120 sena ta' futbol f'Malta, kollox ma' kollox sodisfaċenti.

Uħud minn fost l-aqwa plejers li naqqxu l-istorja tal-futbol Malti kienu ntervistati b'mod virtwali kif kienet in-norma fi żmien il-pandemija, magħhom il-ħsibijiet ukoll ta' ġurnalisti sportivi. Dan apparti l-parteċipazzjoni wkoll ta' tnejn mit-22 president fdati fit-tmexxija tal-MFA, il-President Emeritus Dr George Abela u dak preżenti Bjorn Vassallo.




Fost l-aktar mumenti uniċi u friski fl-istorja riċenti tal-Assoċjazzjoni, ċ-ċaqliqa storika f'għeluq il-100 sena fis-sena 2000 mill-uffiċini fil-belt Valletta għal dawk f'Ta' Qali, magħhom proġetti kapitali bħall-bini tal-Istadium taċ-Ċentinarju u l-proġett tal-Millennium Stand.

Aktar riċenti fis-sena 2017, l-MFA fakkret ukoll is-60 anniversarju mill-ewwel logħba uffiċjali tat-tim nazzjonali Malti lura fl-24 ta' Frar tal-1957, f'telfa ta' 3-2 kontra l-Awstrija fl-Empire Stadium.

Lura għall-preżent, il-COVID-19 mhux se twaqqaf lill-Assoċjazzjoni milli tippjana għall-futur u dak li ma setax jiġri fl-ewwel parti tas-sena se jiġi kkumpensat b'numru ta' avvenimenti fit-tieni nofs tas-sena 2020, biex il-120 anniversarju jkun iċċelebrat bl-aħjar mod.

## X'KIEN IX-XENARJU FL-EPOKA LI FIHA TWAQQFET L-MFA?

Mija u għoxrin sena ilu Malta kienet kolonja Ingliża u għalhekk kien aktar faċli li f'pajjiżna tinbet passjoni kbira lejn il-logħba tal-futbol. L-Assoċjazzjoni Maltija tal-futbol titqies fost il-pijunieri fit-twaqqif tagħha mad-dinja kollha, fl-istess sena flimkien magħna twaqqfet ukoll id-DFB li hija l-Federazzjoni tal-Futbol Ġermaniża.

Mumenti sbieħ, oħrajn diffiċli f'dawn il-120 sena, epoki differenti essenzjalment maqsuma bejn dawk ta' qabel il-Gwerra u dawk ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Dan biex wieħed ma jsemmix li meta l-futbol iċċaqlaq mill-grawnd tal-Gżira għal Ta' Qali hemmhekk dħalna għall-perjodu aktar modern ta' futbol ipprattikat fuq il-ħaxix naturali li wassal biex gradwalment sar il-progress meħtieġ kemm mil-lat tekniku fit-timijiet tagħna, fl-operat tal-amministrazzjoni, iżda anke l-bidu ta' tiġdid infrastrutturali li għadu għaddej.

## IL-FUTUR TAL-MFA

Dan l-anniversarju mhux biss huwa ċelebrazzjoni kosmetika, iżda għandu jixpruna lill-amministrazzjoni preżenti biex permezz ta' dan l-avveniment nidħlu għal kapitlu ġdid li għandu jressaqna aktar lejn livelli professjonali fejn jidħlu t-timijiet nazzjonali, qabża ta' kwalità fl-operat tal-klabbs membri tagħna, kif semmejna tiġdid infrastrutturali bi proġetti kapitali kemm f'Ta' Qali meqjusa bħala l-bażi tal-futbol, iżda anke fi ħdan il-klabbs membri.

Dan apparti investiment akbar fil-qalba tal-komunità biex dak li bnejna f'dawn il-120 sena jiġi preservat u mġedded ħalli aktar żgħażagħ jiġu attirati lejn il-futbol.

Bosta kienu l-mumenti ta' sodisfazzjon u suċċessi f'dawn il-120 sena tal-Assoċjazzjoni, impossibbli ssemmihom hawn, iżda wieħed ma jistax ma jsemmix żewġ dati importanti li jibqgħu mnaqqxa fl-istorja tagħna, is-sħubija tal-MFA bħala membru tal-FIFA u l-UEFA f'temp ta' sena bejn l-1959 u l-1960.

L-2020 tibqa' mfakkra bħala s-sena tal-COVID-19, li m'għandniex xi ngħidu anke ħarbtet il-futbol milgħub, pandemija u dak li ġabet magħha li iżda ċertament se tkun qed tixpruna lil din l-Assoċjazzjoni għal aktar mumenti memorabbli.

Aktar ħidma biex il-miri stabbiliti għas-snin li ġejjin jiġu mwettqa u jasal dak il-mument li aħna lkoll ma nkunux hawn, iżda bla dubju determinati li b'ħidma kollettiva nħallu legat għal dawk li jiġu warajna. ■



# Ir-Relazzjonijiet tal-MFA

**L-impenji tal-amministrazzjoni fi ħdan il-FIFA u l-UEFA ħadu xejra differenti minn meta nfirxet il-pandemija u dan l-aktar fil-format kif isiru l-laqgħat li l-maġġoranza tagħhom bdew isiru virtwalment.**

Qabel dan, il-President Bjorn Vassallo kellu laqgħat kemm ma' Gianni Infantino, President tal-FIFA, fejn sa ftit xhur qabel l-istess Vassallo kien jokkupa l-kariga ta' Direttur għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej, kif ukoll ma' Aleksander Ceferin, President tal-UEFA.

F'dawn il-laqgħat, Vassallo kellu l-opportunità li jaqsam l-ideat dwar il-pjanijiet tal-Assoċjazzjoni għas-snin li ġejjin.

Matul l-aħħar Kungress tal-UEFA li sar f'Amsterdam fil-bidu ta' Marzu 2020, ħadet il-ħajja inizjattiva li pproponiet proprju l-MFA biex jinħoloq grupp ta' Assoċjazzjonijiet Nazzjonali ta' pajjiżi żgħar b'popolazzjoni taħt il-miljun. F'Amsterdam saret l-ewwel laqgħa ta' dan il-grupp ta' 10 Assoċjazzjonijiet flimkien mal-istess UEFA fejn ġie propost Memorandum of Understanding dwar il-materji ta' interess komuni għal dawn l-Assoċjazzjonijiet.

Fil-livell ta' Kumitati tal-UEFA, Vassallo ġie appuntat fuq il-Kumitat għall-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali filwaqt li l-Viċi President, Dr Matthew



Bjorn Vassallo mal-President tal-FIFA Gianni Infantino.



Bjorn Vassallo kellu laqgħa mal-President tal-UEFA Aleksander Ceferin f'Jannar.

Paris, ġie appuntat fuq il-Players' Status, Transfer and Match Agents Committee.

Il-Viċi President Anzjan, Ludovico Micallef, żamm postu fuq il-Youth and Amateur Football Committee filwaqt li s-Segretarju Ġenerali, Dr Angelo Chetcuti, ukoll baqa' membru tan-National Team Competitions Committee.

## ŻJARA MILL-PRIM MINISTRU

Fl-aħħar xhur il-President tal-MFA Bjorn Vassallo flimkien mal-uffiċjali l-oħra kienu involuti f'diversi laqgħat ma' esponenti ewlenin fit-tmexxija tal-pajjiż. Magħhom ġew diskussi diversi materji, liema temi huma ukoll konformi mal-istrateġija tal-Assoċjazzjoni għas-snin li ġejjin.

Fl-aħħar jum ta' Jannar, il-Prim Ministru Robert Abela żar l-uffiċini tal-Assoċjazzjoni proprju ġimgħatejn biss wara l-ħatra tiegħu fit-tmexxija tal-pajjiż.

Huwa żar l-istrutturi tal-Assoċjazzjoni, iltaqa' mal-ħaddiema u anke kellu laqgħa mal-ogħla diriġenza tal-Assoċjazzjoni. Hawnhekk il-Prim Ministru Abela qal li l-valuri li tħaddan l-logħba tal-futbol għandhom ikunu riflessi fis-soċjetà Maltija. Semma fost oħrajn l-onestà, d-dixxiplina, l-integrità, d-dedikazzjoni u l-għaqda.




Il-Prim Ministru Robert Abela żar l-uffiċċji tal-MFA f'Jannar.

Fil-laqgħat mal-Prim Ministru, Bjorn Vassallo spjega kif l-MFA għaddejja bil-pjanijiet tagħha għal strateġija ta' tmien snin li l-għan tagħha huwa li ttejjeb il-logħba tal-futbol Maltija f'kull livell, speċjalment fuq livell tekniku u fil-governanza.

Intant l-aħħar xhur impenjattivi għall-uffiċjali tal-Assoċjazzjoni raw anke laqgħat kemm qabel kif ukoll wara l-perjodu tal-pandemija mal-Ministru għall-Infrastruttura Dr Ian Borg biż-żewġ naħat jiddiskutu investimenti kapitali varji, mal-Ministru għall-Ambjent, Tibdil fil-klima u l-Ippjanar, Dr Aaron Farrugia, fejn ġiet diskussa l-liġi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-faċilitajiet sportivi u mal-Ministru tal-Edukazzjoni Dr Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari għall-Isport Dr Clifton Grima, dwar il-Fondazzjoni Inħobb il-Futbol, l-Iskola Nazzjonali tal-Isport u l-pjanijiet ta' proġetti ambizzjużi fost l-oħrajn il-proġett ta' bdil tal-pitches sintetiċi madwar Malta u Għawdex.

Aktar riċenti fil-bidu tas-sajf kienet il-Ministru għat-Turiżmu Julia Farrugia Portelli li żaret l-istrutturi tal-Assoċjazzjoni f'Ta' Qali fejn hawnhekk ġie diskuss l-irwol kruċjali li tħaddan l-MFA fit-tkabbir ta' settur importanti għall-pajjiż bħal m'huwa t-turiżmu sportiv.

Laqgħat oħra saru ma' Dr Chris Fearne, Ministru tas-Saħħa dwar protokolli mediċi sforz il-pandemija u mal-Onorevoli Alex Muscat, Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunità dwar iċ-ċittadinanza ta' plejers b'dixxendenza Maltija.

Intant il-viżjoni għall-futur tal-futbol Malti għaż-żmien li ġej ġiet ukoll diskussa f'laqgħa li l-President Vassallo kellu mal-kelliem tal-oppożizzjoni għall-isport l-Onorevoli Robert Cutajar.

F'dawn il-laqgħat kollha ħareġ biċ-ċar l-irwol fundamentali li l-futbol għandu fejn jidħol kontribut mhux biss mill-aspett sportiv fit-tmexxxija tal-aktar dixxiplina popolari fil-pajjiż, iżda ukoll fejn tidħol l-ekonomija tal-pajjiż flimkien mal-benefiċċji soċjali, edukattivi u aspetti marbuta mas-saħħa.

## AVVENIMENTI OĦRA

Matul is-sena l-Assoċjazzjoni ospitat numru ta' avvenimenti organizzati mill-FIFA u mill-UEFA. F'Ottubru 2019 iċ-Ċentru Tekniku ospita workshop għal numru ta' Diretturi Tekniċi minn 16-il federazzjoni differenti.

F'April, workshop ieħor, din id-darba tal-UEFA, li kellu jsir f'Malta kellu jsir permezz ta' sessjonijiet online. Dan kien jittratta l-futbol fl-iskejjel.



L-MFA ffirmat Memorandum Of Understanding mal-Federazzjoni tal-Futbol Taljana (FIGC).

Ta' min jgħid li sa nofs l-istaġun, l-amministrazzjoni kienet wettqet ħafna xogħol biex timplimenta l-pjan li jinħoloq tim professjonali li jikkompeti fil-Lega Pro Taljana permezz ta' tim taż-żgħażagħ u ieħor tal-kbar. F'dan il-kuntest saru bosta laqgħat kemm mal-FIGC kif ukoll mal-Lega Pro nnifisha li wasslu biex jiġi ffirmat Memorandum of Understanding dwar tali parteċipazzjoni. L-instabbiltà li ġabet magħha l-COVID-19 wasslet biex dan il-proġett ġie pospost.

# Impenji internazzjonali u avvenimenti

**In-numru ta' logħbiet internazzjonali matul l-istaġun li għadu kemm intemm laħħqu l-55, li minnhom 22 intlagħbu f'darna u 23 lil hinn minn xtutna. Total ta' 12-il logħba skedati kellhom jiġu mħassra.**

## TIMIJIET NAZZJONALI - IRĠIEL

L-impenji tat-tim nazzjonali A kienu prinċiparjament jirrigwardaw il-logħbiet ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA EURO 2020. Meta dawn il-logħbiet intlagħbu away sar użu minn titjiriet charter biex it-traġitt ikun iffaċilitat u aktar komdu għat-tim qabel logħbiet diffiċli.

It-tim ta' taħt il-21 sena kien attiv fil-grupp ta' kwalifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew tal-UEFA. L-erba' logħbiet li kellu t-tim kienu kollha away li minnhom ksibna draw prestiġjuż kontra l-Irlanda ta' Fuq f'Antrim, fejn il-plejers taw wirja ferm pożittiva.

Il-loġistika tat-tim għal dawn il-logħbiet kienet tirrikjedi pjanar dettaljat speċjalment meta t-tim mar l-Irlanda biex minn hemmhekk, wara erba' sigħat vjaġġ lejn it-Turkija, kompla l-missjoni tiegħu lejn l-Ukrajna. Vjaġġ xejn faċli min-naħa għall-oħra tal-Ewropa li iżda rnexxa grazzi għall-kontribut ta' ħafna nies u l-ħidma ta' dan id-dipartiment li offra s-servizzi kollha meħtieġa lil dan il-kontinġent.



It-tim nazzjonali temm l-impenji tiegħu fir-rawnd ta' kwalifikazzjoni għall-EURO 2020, li t-tournament finali issa se jsir fl-2021.



It-tim ta' taħt il-21 sena lagħab erba' partiti ta' kwalifikazzjoni għall-kampjonat Ewropew, kollha away.

Żewġ logħbiet li kellhom jintlagħbu fil-Gozo Stadium kontra l-Ukrajna u l-Finlandja f'Marzu 2020 ġew posposti minħabba l-pandemija u issa ġew skedati għal Novembru li ġej, fis-Centenary Stadium.

It-tim ta' taħt id-19-il sena lagħab total ta' disa' logħbiet bejn kompetizzjoni u logħbiet ta' ħbiberija.

Fit-tournament ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA U-19 li sar fl-Italja, it-tim lagħab kontra l-istess Italja, is-Slovakkja u Ċipru fejn tlifna t-tliet logħbiet.



Azzjoni mil-logħba U-21 bejn l-Irlanda ta' Fuq u Malta.

Fejn jidħlu logħbiet ta' ħbiberija, lgħabna darbtejn f'darna kontra l-Ażerbajġan fejn ksibna żewġ draws, darbtejn away kontra l-Lussemburgu b'rebħa u telfa u darbtejn oħra f'darna kontra l-Montenegro b'dawn tal-aħħar jirbħu ż-żewġ partiti. Għal dawn l-aħħar żewġ logħbiet f'Marzu t-tmexxija tat-tim għaddiet f'idejn il-coach Andrea Tedesco li ħa post Winston Muscat li kien mexxa lit-tim għal dawn l-aħħar sentejn.



It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena kien impenjat f'disa' partiti fl-istaġun 2019-2020.

Bħal fi snin imgħoddija, it-tim ta' taħt is-17-il sena f'Awwissu ħa sehem fit-tournament Nereo Rocco fl-Italja. F'din l-edizzjoni lgħabna kontra W.A.C. Karnten mill-Awstrija u tlifna 1-0, telfa ta' 2-1 kontra Napoli u rbaħna 2-0 kontra Pordenone.

Xahrejn wara, it-tim ta' taħt is-17-il sena kkompeta fil-UEFA U-17 tournament fin-Norveġja fejn b'xorti ħażina sofrejna telfiet kbar fil-logħbiet tal-grupp kontra l-qawwa tal-pajjiż ospitu n-Norveġja, l-Awstrija u l-Bulgarija.

Filwaqt li kellhom jitħassru il-UEFA Youth Development Tournaments U16 u U15 f'Marzu u f'April, f'Awissu 2019 it-tim Malti mar Wrexham, f'Wales u lagħab kontra l-Irlanda ta' Fuq, Ċipru u Wales. Minkejja li ż-żgħażagħ Maltin tilfu dawn il-partiti, l-esperjenza li jieħdu l-plejers f'dan it-tip ta' logħbiet hija neċessarja u l-UEFA tagħmel minn kollox biex ittejjeb il-livell ta' organizzazzjoni f'dawn it-tournaments.

## TIMIJIET NAZZJONALI – NISA

Għall-kompetizzjoni tal-UEFA Women EURO 2021, minn Awwissu sa Novembru 2019, it-tim nazzjonali tan-nisa lagħab ħames partiti, fosthom tnejn kontra l-Italja fejn f'pajjiżna t-tim kellu wirja tajba fejn tilef bl-iskor ta' 0-2. Fil-bidu ta' Settembru konna lgħabna away kontra d-Danimarka u l-Bożnja u Ħerżegovina fejn tlifna 0-8 u 0-2.

F'Novembru, t-tim nazzjonali kiseb draw ta' 1-1 kontra l-Iżrael f'logħba li setgħet ġabet ukoll tliet punti.

F'Marzu 2020, wara logħba mill-aqwa, waslet rebħa kontra l-Ġorġja 2-1 u konna sfortunati f'telfa ta' 3-2 kontra Bożnja u Ħerżegovina, fejn fl-aħħar mumenti tal-logħba konna ferm viċin il-gowl tad-draw.

F'Jannar 2020, it-tim lagħab tliet logħbiet ta' ħbiberija kontra l-klabb Olandiż SC'T Gooi (5-0) u t-timijiet nazzjonali tat-Turkija f'telfa ta' 1-2, u draw ta' 2-2 kontra l-Iżvizzera.

Żewġ logħbiet ta' kwalifikazzjoni skedati għal April u Ġunju 2020 ġew posposti minħabba l-pandemija.

It-tim nazzjonali tan-nisa ta' taħt is-17-il sena lagħab fil-UEFA Women U-17 Tournament li sar fil-Belarus, f'Settembru 2019. L-ewwel logħba kienet kontra Franza (0-6), imbagħad mal-Iżlanda (0-1), biex fl-aħħar logħba ksibna draw ta' 1-1 kontra l-Belarus.

Għal darb'oħra, l-MFA organizzat b'suċċess il-UEFA Girls U-16 Development Tournament fi Frar 2020 ftit ġimgħat qabel bdiet l-imxija tal-COVID-19. It-timijiet li ospitajna din id-darba kienu l-Iskozja, Ġibiltà u l-Ażerbajġan. It-tim Malti hawnhekk kien preparat tajjeb u ħlief telfa kontra s-saħħa tal-Iskozja 0-4, ksibna rebħiet identiċi 2-0 kontra Ġibiltà u l-Azerbajġan biex ġejna t-tieni fil-grupp.



It-tim nazzjonali tan-nisa waqt il-partita kontra l-Italja fis-Centenary Stadium.




It-tim tal-futsal ikkompeta f'tournament ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA Futsal EURO 2022, li sar fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

## TIM NAZZJONALI TAL-FUTSAL

Fix-xena tal-futsal, l-isfida prinċipali kienet l-organizzazzjoni u l-loġistika tal-grupp ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA EURO 2020/22 li sar fl-aħħar ta' Jannar u l-bidu ta' Frar li għadda fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, f'Pembroke.

L-isfidi loġistiċi kienu kbar u għalhekk kellna nattrezzaw il-post biex ikun konformi mar-regoli u l-linji gwida tal-UEFA. Dan kien possibbli bil-ħila ta' kumitat organizzattiv li b'mod professjonali ħa ħsieb il-bżonnijiet kollha, waqt li l-koperazzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u t-tmexxija tal-iskola kienu fundamentali.

Ir-riżultati għal Malta kienu telfiet kontra l-Iżvezja 6-4 u l-Polonja li rebħu l-grupp, għelbuna 11-0, bejniethom l-ewwel punt storiku f'tournament tal-UEFA għal Malta fil-futsal, draw ta' 1-1 kontra l-Greċja, f'logħba li fiha l-plejers tagħna setgħu faċilment jakkwistaw rebħa.

L-attendenzi għal dawn il-logħbiet kienu sodisfaċenti ferm f'atmosfera ferriħija u konferma kemm f'Malta l-futsal huwa segwit u jattira interess.

Din is-sena kien imiss li għal darb'oħra f'Malta jiġi organizzat il-UEFA Regions Cup Qualifying Tournament li iżda spiċċa biex tħassar. It-timijiet rappreżentattivi kellhom ikunu minn Malta, il-Kazakhstan, il-Belarus u l-Maċedonja ta' Fuq.

## AVVENIMENTI OĦRA

Matul dawn l-aħħar 12-il xahar dan id-dipartiment għadda minn tibdil hekk kif it-tmexxija tiegħu għaddiet minn Joe Cassar (li mexa fiċ-Ċentru Tekniku) għal Franz Tabone, żewġ persuni ta' esperjenza f'dan il-qasam.

Fi Frar 2020 reġgħet infetħet is-sala taċ-Ċentinarju wara xogħol estensiv ta' mmodernizzar.

Fejn tidħol l-organizzazzjoni ta' logħbiet internazzjonali f'kull kategorija, id-dipartiment jibqa' ċentrali. Dan jgħodd ukoll għal attivitajiet importanti bħal-Laqgħa Ġenerali Annwali, is-serata tal-MFA Awards, laqgħat tal-Eżekuttiv u l-Kunsill, laqgħat mal-klabbs u Assoċjazzjonijiet Membri, konferenzi, lectures u avvenimenti oħra kemm fl-istrutturi tal-Assoċjazzjoni kif ukoll f'postijiet oħra.

# Direzzjoni ġdida għaċ-Ċentru Tekniku – jitniedu diversi proġetti u inizjattivi

**It-tisħiħ tas-settur tekniku huwa wieħed mill-pilastri strateġiċi ewlenin tal-Assoċjazzjoni.**

Fl-istaġun 2019-2020 tnedew numru ta' proġetti mmirati biex itejbu l-operat taċ-Ċentru Tekniku bl-għan li jitjieb il-livell tat-timijiet nazzjonali u l-futbol Malti.

Minn Jannar 2020, it-tmexxija u r-responsabbiltà taċ-Ċentru Tekniku għaddiet f'idejn il-coach Taljan, Devis Mangia, li nħatar bħala Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali bl-għajnuna tal-Kordinatur Tekniku, Alessandro Zinnari. L-aspett amministrattiv u l-operat qed ikun kordinat minn Joe Cassar filwaqt li Robert Gatt irtira wara disa' snin servizz bħala Direttur Tekniku tal-MFA.

L-operat taċ-Ċentru Tekniku huwa bbażat fuq tliet pilastri – grassroots, l-edukazzjoni tal-coaches, u t-timijiet nazzjonali f'diversi kategoriji. Il-ħidma tmiss ħafna aspetti oħra bħal match analysis, il-qasam mediku, u l-koperazzjoni mal-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

L-iskwadra ta' taħt is-16-il sena kienet taħt id-direzzjoni tal-coach Andrea Vella megħjun minn Paul Gatt. Iż-żewġ coaches jaqilbu l-irwoli fit-tim ta' taħt is-17-il sena.

L-iskwadra ta' taħt id-19-il sena ġet fdata lill-coach Andrea Tedesco, megħjun minn Stefano Grima. Fl-uniċi żewġ logħbiet ta' ħbiberija li laħqu ntlagħbu f'Marzu 2020, it-tim Malti tilef kontra l-Montenegro 2-0 u 3-1.




**It-tim nazzjonali ta' taħt il-21 sena qed jipprepara għall-partiti kontra l-Irlanda ta' Fuq u r-Rumanija f'Settembru.**

## IT-TIM TA' TAĦT IL-21 SENA

L-iskwadra ta' taħt il-21 sena baqgħet taħt it-tmexxija tal-coach Silvio Vella li kien megħjun minn Noel Turner, b'dan tal-aħħar iħalli l-kariga tiegħu aktar kmieni din is-sena. Francesco Macri ħa post Noel Turner. F'din il-kategorija Malta lagħbet erba' partiti ta' kwalifikazzjoni.

Il-pjanijiet kollha għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2020 kellhom jitħassru minħabba l-COVID-19.

## ATTIVITAJIET U INIZJATTIVI

L-irwol tal-Kordinatur Tekniku fl-istil il-ġdid ta' operat fiċ-Ċentru Tekniku minbarra dak ta' superviżjoni, huwa li jkun ta' ispirazzjoni wkoll fit-taħriġ u l-iżvilupp ta' kull coach li jifforma parti mit-tim f'Ta' Qali.

Inħolqot metodoloġija speċifika għal kull tim nazzjonali, mill-U-15 sal-U-17. L-MFA daħlet fi ftehim ma' Iterpro, kumpanija li toffri software dwar il-ġestjoni ta' data fuq il-prestazzjoni tal-atleta, biex b'hekk illum għall-ewwel darba nħoloq file dwar l-iżvilupp ta' kull plejer imsejjaħ, b'informazzjoni ta' natura fiżika, medika u teknika.

Ma' dan jintużaw għodod għall-analiżi tal-logħob, kemm dak domestiku kif ukoll dak tal-avversarji.

L-istaff wettaq scouting estensiv kemm waqt il-logħbiet tal-MFA u anke dawk tal-Youth FA sabiex ikunu osservati u analizzati l-plejers.

L-analiżi tal-plejers involuti fil-kompetizzjonijiet U-15 u U-17 wasslet għall-ħolqien ta' kampjonat sperimentali, dak tal-U-14 għall-istaġun 2020-2021. Barra minn hekk, iċ-Ċentru Tekniku ppropona lill-Youth FA biex ikun hemm evoluzzjoni fil-kampjonati U-15 u U-17 billi dawn il-kampjonati jsiru fi ġranet tal-ġimgħa fissi għal kull kategorija u jiżdied in-numru ta' logħbiet.

Fir-rigward tal-festivals tan-nurseries, inħoloq format ġdid li se jiġi pubblikat lill-klabbs kollha. Din se tkun proċedura ġdida li tkun ripetuta kull sena qabel il-bidu tal-istaġun. Għall-istaġun li jmiss, se jkun hemm xi bidliet mill-protokoll






**Il-plejers tal-iskwadra nazzjonali kellhom programm ta' taħriġ f'Lulju wara li l-logħbiet u s-sessjonijiet skedati għal Marzu u Ġunju tħassru minħabba l-Covid.**

ta' qabel, inkluż in-numru ta' plejers fil-grawnd fil-kategoriji varji, il-ħinijiet tal-logħob u regoli oħra bħas-sostituzzjonijiet.



**It-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena waqt sessjoni ta' taħriġ.**

## L-ORGANIZZAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TEKNIKU

Matul din l-aħħar sena, iċ-Ċentru Tekniku kien kontinwament qiegħed jinbidel. Fejn jidħlu t-timijiet nazzjonali, ġew ingaġġati numru ta' coaches ġodda biex ikopru l-aspetti tekniċi kollha u jassiguraw allinjament ma' filosofija unika.

Il-pjan hu li t-timijiet taż-żgħażagħ ikunu jitħarrġu regolarment.

Fejn tidħol il-Coach Education ukoll irid jiġi żgurat li l-kurrikulu jitwessa' u li l-filosofija ta' logħob adottata tkun riflessa wkoll fil-korsijiet tal-coaches. It-titjib jiddependi fost oħrajn billi ċ-Ċentru jagħmel użu mill-aħjar esponenti skont is-suġġett kif ukoll il-ħolqien ta' korsijiet ġodda, partikolarment fuq scouting, match analysis u l-irwol ta' Direttur Sportiv.

## IS-SEHEM TAĊ-ĊENTRU TEKNIKU FL-ISKOLA NAZZJONALI TAL-ISPORT

Matul l-ewwel xhur ta' din is-sena skolastika, numru ta' coaches miċ-Ċentru Tekniku attendew regolarment għat-taħriġ tat-tfal fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport, f'Pembroke.

Bħalma ġara fis-snin l-imgħoddija, l-applikazzjonijiet għall-Pre-Selection trials għad-dħul fil-Year 7 għall-Iskola Nazzjonali tal-Isport fetħu fil-bidu ta' Jannar. Iċ-Ċentru Tekniku rċieva 119-il applikazzjoni – tmien bniet u 111-il tifel.

Dawn il-provi saru f'diversi jiem fuq perjodu ta' għaxart ijiem fi Frar 2020. Minn 119-il parteċipant, 24 plejer u l-ewwel erba' gowlkipers kienu eliġibbli li japplikaw għat-tieni fażi tat-trials.

Ir-riżultati kollha ntbagħtu lill-ġenituri b'indikazzjoni għal dawk li kellhom it-tifel/tifla eliġibbli biex japplikaw għat-tieni fażi, li eventwalment kienet sfrattata bil-pandemija.




**Devis Mangia - Head Coach tat-Timijiet Nazzjonali.**



# Grassroots

## ATTIVITAJIET FL-ISKEJJEL

### Festivals tal-iskejjel u donazzjonijiet

Il-Malta Football Association torganizza festivals annwali għall-iskejjel kemm dawk statali, privati u kif ukoll tal-knisja. Huwa fl-interess tal-MFA li tiffoka fuq l-etajiet iż-żgħar u għalhekk f'dawn l-aħħar staġuni kien hemm bidla fil-festival tal-iskejjel tal-gvern fejn l-MFA qiegħda tagħti prijorità lill-iskejjel primarji.

L-MFA torganizza dawn il-festivals b'kollaborazzjoni mal-Isport Promotion Unit fi ħdan SportMalta, id-Dipartiment għall-Kwalità u l-Istandards fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, kif ukoll mal-iskejjel privati u dawk tal-knisja.

Sfortunatament, dan l-istaġun kollox kellu jintemm ħesrem wara l-ewwel ġurnata, dik tas-6 ta' Marzu.





**L-MFA torganizza sessjonijiet ta' taħriġ fl-iskejjel.**

### Sessjonijiet ta' taħriġ fl-iskejjel

Il-klabbs u n-nurseries huma mħeġġa jorganizzaw sessjonijiet ta' taħrig tal-futbol fl-iskejjel sabiex jattiraw tfal ġodda. Dawk li jirreġistraw l-interess tagħhom mad-Dipartiment tal-Grassroots jitlaqqgħu mal-iskejjel tal-lokal tagħhom.

L-MFA toffri sessjonijiet promozzjonali ta' taħriġ għall-bniet waqt il-ħin tal-iskola fejn nurseries tal-bniet jiġu wkoll imlaqqgħa mal-iskejjel sabiex ikun hemm kontinwazzjoni tas-sessjonijiet u l-bniet verament imorru fil-klabbs sabiex jilagħbu l-futbol.

Wara s-suċċess fiż-żewġ staġuni li għaddew, il-proġett Together #WePlayStrong @ School għall-bniet mit-tielet sas-sitt sena fl-iskejjel primariji kompla matul l-istaġun 2019-2020. Dawk l-iskejjel li nkitbu jkollhom sessjonijiet kull ġimgħa wara l-ħin tal-iskola. Il-coaches qegħdin jimxu ma' kurrikulu preparat apposta għal dawn is-sessjonijiet. Matul dan l-istaġun ħadu sehem 11-il skola (waħda minnhom f'Għawdex), b'263 tifla u 20 coach imħallas mill-MFA.

## ŻVILUPP FIL-FUTBOL TAN-NISA

L-għan tal-iżvilupp fil-futbol tan-nisa huwa li jiżdiedu in-numri fil-grassroots. Apparti minn dan, dawn il-bniet jinżammu fil-futbol billi jkollhom l-opportunità li jilagħbu ta' spiss, kif ukoll ikunu mgħallmin minn coaches nisa kwalifikati u ta' kwalità.



**Festival organizzat matul il-vaganzi tal-Milied.**

## SKEMA TA' BOROŻ TA' STUDJU GĦALL-COACHES

Numru ta' coaches nisa promettenti li jiffurmaw parti mill-futbol tan-nisa jingħataw boroż ta' studju għall-korsijiet fil-coaching. Din l-iskema hi parti mill-pjan fit-tul tal-MFA għall-futbol tan-nisa, bil-għan li tiżdied il-kwalità fil-coaching kif ukoll in-numru ta' coaches nisa. L-istaġun li għadda kien hemm 19-il coach li bbenefikaw minn din l-iskema, fejn sitta attendew CYF, waħda l-UEFA C, waħda l-UEFA B, ħamsa l-Goalkeeper Level 1 u sitta l-Physical Trainers Level 1. Il-korsijiet tal-goalkeepers u physical trainers li saru b'mod virtwali kienu offruti lill-klabbs femminili li għalihom attendew erba' coaches irġiel u seba' nisa.

| | |
|---|---|
| Total ta' coaches nisa li bbenefikaw mill-iskema tal-boroż ta' studju | 15 |
| CYF | 6 |
| Nat C | 1 |
| UEFA B | 1 |
| UEFA A | - |
| Goalkeeping | 2 |
| Physical Trainers | 5 |

**Statistika ta' coaches nisa li bbenefikaw mill-iskema tal-boroż ta' studju.**




**Statistika ta' coaches nisa mqabbla ma' coaches irġiel.**

## FESTIVALS TA' TAĦT IT-12-IL SENA

Fil-festival ta' taħt it-12-il sena pparteċipaw 10 timijiet fejn kien hemm il-parteċipazzjoni ta' seba' klabbs, b'total ta' 114-il tifla fuq tmint ijiem.

Għal staġun ieħor kien adottat il-prinċipju tal-karta l-ħadra u dik ħamra biex il-bniet jitħallew jilagħbu f'ambjent ferrieħi u biex nippromwovu mġieba tajba u ta' rispett mill-partitarji (kif ukoll mill-coaches) lejn it-tim u l-uffiċjali kollha waqt il-partiti



**Festivals għall-bniet ta' taħt it-tnax-il sena.**

## KAMPJONAT TA' TAĦT IL-15-IL SENA

Wara li fl-istaġun 2018-2019 sar festival għall-bniet ta' taħt l-14-il sena fil-grawnd ta' Ħad-Dingli bħala prova, matul l-istaġun 2019-2020 dan ġie estiż għal kampjonat kompetittiv għall-bniet ta' taħt il-15-il sena, b'format ta' 8-a-side. Il-parteċipazzjoni f'dan il-festival kien ta' disa' timijiet, b'total ta' 130 tifla.

## KAMPJONAT TA' TAĦT ID-DSATAX-IL SENA



Għat-tielet staġun konsekuttiv, il-kampjonat ta' taħt id-19-il sena kien milgħub fuq bażi 9-a-side fil-grawnd ta' Ħal Kirkop u saru wkoll partiti fil-grawnd ta' Marsaskala. Dan il-kampjonat jintlagħab kull nhar ta' Ħadd u matul dan l-istaġun ħadu sehem total ta' tmien timijiet.

## BOV WOMEN'S LEAGUE

Fl-istaġun li għadda, fil-kampjonat tal-kbar ipparteċipaw seba' timijiet, u ntlagħab fuq tliet rawnds. Il-grawnds użati f'dan il-kampjonat kienu dawk tal-Mosta, tal-Imġarr u ta' Ħad-Dingli kull nhar ta' Tlieta u Erbgħa.



**Birkirkara FC rebħu l-BOV Women's Super Cup.**

## BOV WOMEN'S SUPER CUP

Għall-ewwel darba fl-istorja, is-Super Cup bejn Birkirkara u Mġarr United intlagħbet f'Diċembru fl-Istadium Nazzjonali.

## LOGĦOB GĦAN-NISA 'L FUQ MINN 35 SENA U PLEJERS IRTIRATI

Inizjattiva biex dawk il-plejers li rtiraw mill-futbol jiġu mħajra jidħlu lura fil-logħba u jinvolvu ruħhom bħala coaches jew amministraturi mat-timijiet femminili.



**Plejers nisa 'l fuq minn 35 sena u dawk irtirati ħadu sehem f'partita ta' ħbiberija waqt il-UEFA Grassroots Week.**

## AKKADEMJA TA' TAĦT IT-12 U L-14-IL SENA

Matul l-istaġun li għadda ġew introdotti sessjonijiet għal dawn iż-żewġ kategoriji mal-preparatur fiżiku fejn ħadem fuq eżerċizzji bażiċi.

Il-grupp ta' taħt l-14-il sena pparteċipa fil-festivals organizzati mil-YFA bl-isem Inħobb il-Futbol, filwaqt li dawk ta' taħt it-12-il sena f'Jannar laqgħbu partita ta' ħbiberija f'Għawdex, kontra Nadur Youngsters.

## INIZJATTIVI WAQT IL-PANDEMIJA

Il-plejers tat-tim nazzjonali ħadu sehem fil-programm televiżiv Training with MFA kuljum fuq l-istazzjonijiet lokali, biex jgħinu lil tfal u żgħażagħ jibqgħu attivi matul dan il-perjodu.

- Saru laqgħat virtwali mal-gruppi kollha tal-akkademja tal-bniet tal-Assoċjazzjoni.
- Get to know each other.
- Ma' plejers tat-tim nazzjonali.
- Ma' personalitajiet barranin; Laura Georges (ex plejer internazzjonali ta' Franza u Segretarja Ġenerali tal-FA Franċiża) u Alyssa Lagonia (plejer internazzjonali tal-Kanada u impjegata mal-UEFA fid-dipartiment femminili).
- Laqgħat virtwali ma' bniet mill-klabbs tagħna.
- Diskussjonijiet dwar suġġetti varji – il-psikoloġija tal-isport, in-nutrizzjoni sportiva, id-dixxiplina u oħrajn.
- Laqgħat virtwali mal-ġenituri tal-plejers tal-akkademja fejn ġiet spjegata l-viżjoni għall-istaġun li ġej.
- Laqgħat virtwali ma' kull klabb.
- Laqgħa virtwali mad-delegati tal-klabbs b'diskussjoni dwar l-istaġun li ġej.



Plejers tal-akkademja ta' taħt l-14-il sena jiltaqgħu ma' Laura Georges.

Flimkien mad-diriġenza tal-MFA, bdejna diskussjonijiet virtwali ma' kulleġġ fl-Ingilterra biex noħolqu dual pathway aktar faċli kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien, li jixtiequ jtejbu l-karriera tal-futbol tagħhom u l-futur akkademiku tagħhom.

## UEFA GRASSROOTS WEEK 2019

Għall-UEFA Grassroots Week, b'kollaborazzjoni mal-Youth FA u l-klabbs, ġew organizzati attivitajiet favur l-inklużjoni. Futbol għal Kulħadd kienet it-tema prinċipali tal-UEFA Grassroots Week.



Attivitajiet organizzati waqt il-UEFA Grassroots Week 2019.

# Coach Education – Korsijiet u CPDs għall-istaġun 2019-2020

**Id-Dipartiment tal-Coach Education fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku kompla fuq ix-xogħol tas-snin ta' qabel bil-għan li jgħolli l-livell tal-coaching fl-oqsma kollha tal-futbol Malti.**

Il-lista kollha tal-korsijiet organizzati matul dan l-istaġun turi l-firxa wiesgħa li dawn il-korsijiet qed jilħqu, kompliet il-ħidma fuq il-mobbiltà tal-coaches b'aktar minnhom jakkwistaw liċenzji ogħla u dan għas-servizz tal-klabbs u l-plejers li jikkowċjaw.

Il-COVID-19 tista' tgħid waqqfet il-futbol kollu, madankollu d-dipartiment tal-Coach Education xorta baqa' għaddej. Fil-fatt ġew imnedija tliet korsijiet online li għalihom kien hemm konkorrenza tajba ħafna.

Dawn kienu Goalkeepers Coach Level 1, Football Physical Trainers Level 1 u Basic Futsal Course. Dan tal-aħħar kien kors ġdid bl-iskop li jkabbar l-għarfien u l-interess fil-logħba tal-futsal.

Għalkemm l-aspett teoretiku baqa' għaddej b'mod normali, l-aspett prattiku kellu inevitabbilment jieqaf minħabba l-pandemija, u dan żamm lil dan id-dipartiment milli jagħlaq il-korsijiet kollha li bdew aktar kmieni fl-istaġun.



**Il-Malta Football Association ospitat FIFA Workshop għal Diretturi Tekniċi minn diversi pajjiżi f'Ottubru li għadda.**




**Il-parteċipanti tal-Goalkeepers Coaching Course Level 1 waqt sessjoni online.**

## Korsijiet matul l-istaġun 2019-2020

| Data | Kors | Parteċipanti |
|---|---|---|
| Lulju 2019 | CYF (1) | 36 |
| Settembru 2019 | UEFA PRO | 14 |
| Settembru 2019 | UEFA B | 32 |
| Novembru 2019 | CYF (2) | 37 |
| Diċembru 2019 | UEFA C | 44 |
| April 2020 | Football Physical Trainer 1 (online) | 17 |
| April 2020 | Goalkeeper Coach 1 (online) | 19 |
| Ġunju 2020 | Basic Futsal (online) | 28 |
| **Total** | | **227** |

Kien hemm total ta' 227 parteċipant li għamlu xi wieħed minn dawn il-korsijiet u dan jixhed li dan id-dipartiment qed jilħaq setturi varji fi ħdan il-komunità tal-futbol f'Malta.

Kull kors jikkonsisti f'partijiet prattiċi u teoretiċi li flimkien jippreparaw il-coaches għall-aspetti differenti tal-logħba.

## CPDs (Continuous Professional Development)

Matul din is-sena ta' transizzjoni fil-qasam tal-coaching, hekk kif inħatar Devis Mangia bħala coach nazzjonali li huwa wkoll il-kap tas-settur tekniku li fassal filosofija waħda għat-timijiet nazzjonali, is-CPDs kellhom ikunu ideali biex tiġi kkomunikata l-linja ġdida meħuda.

Dawn bdew jitfasslu iżda kollox kellu jieqaf ħesrem minħabba l-COVID-19.

Huwa l-ħsieb taċ-Ċentru Tekniku li mill-istaġun li ġej dawn jibdew isiru fil-biċċa l-kbira tagħhom online.

## UEFA Share Study Groups

Dan hu proġett tal-UEFA li issa daħal fl-10 sena tiegħu u li permezz tiegħu coaches jattendu korsijiet qosra dwar diversi suġġetti speċjalizzati.

Kull staġun, il-UEFA talloka bejn żewġ u ħames postijiet liċ-Ċentru Tekniku għal dawn l-iStudy Groups.

Matul dan l-istaġun, id-dipartiment irċieva tliet stediniet għal UEFA Share courses, iżda l-aħħar wieħed tħassar minħabba restrizzjonijiet fejn jidħol vjaġġar minn u lejn Malta.

| Dati | Post | Suġġett | Parteċipanti |
|---|---|---|---|
| 6-10/10/2019 | Danimarka | UEFA Elite Youth A | 5 |
| 2-6/02/2020 | Ġermanja | Grassroots | 3 |
| 17-21/05/2020 | Danimarka | Coach Educators | 5 |



Stephen Grima jikkordina s-settur tal-Coach Education fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku.

## Liċenzjar tal-Coaches

Matul dan l-istaġun il-Coaches' Licensing Committee u ċ-Ċentru Tekniku approvaw il-liċenzji ta' 895 coach f'kategoriji differenti kif ġej:

| Liċenzja tal-Coaches | 2019-2020 | 2018-2019 |
|---|---|---|
| UEFA Pro | 33 | 34 |
| UEFA A | 99 | 89 |
| UEFA Elite | 18 | 20 |
| UEFA B | 142 | 170 |
| MFA A | 12 | 14 |
| MFA B | 3 | 7 |
| UEFA C | 272 | 267 |
| YCL | 9 | 10 |
| CYF | 224 | 232 |
| Physical Trainer | 42 | 50 |
| Goalkeepers Coach | 41 | 46 |

Huwa l-ħsieb tad-Dipartment tal-Coach Education li sa tmiem l-istaġun 2021-2022 kull liċenzja MFA B, MFA A, DYC u YDD iridu jiġu assimilati b'kors ta' aġġornament fil-UEFA B, UEFA A, UEFA B Elite (kors li



It-tieni edizzjoni tal-UEFA PRO Coaching Course, organizzat mill-MFA, bdiet f'Settembru.



Devis Mangia jindirizza lill-coaches taċ-Ċentru Tekniku waqt workshop ta' jumejn.

għadu se jsir għall-ewwel darba fl-istagun 2021-2022) u UEFA C rispettivament.

Wara dan l-istaġun, il-liċenzji MFA B, MFA A, DYC u YDD ma' jibqgħux jeżistu.

Id-Dipartiment tal-Coach Education qed iħejji wkoll biex is-CYF u UEFA C jiġu integrati u jinħoloq kors wieħed ħolistiku li jservi aħjar il-ħtiġijiet ta' dan is-settur.

It-total ta' coaches liċenzjati jinkludi 51 coach tan-nisa li qed jaħdmu fil-klabbs tagħna, numru li dejjem qed jiżdied minn sena għall-oħra.

L-interess mill-coaches tagħna li jkomplu jsaħħu l-għarfien u jgħollu l-livell tagħhom kien wieħed kbir, biżżejjed wieħed jinnota l-parteċipazzjoni għall-korsijiet il-ġodda minkejja d-diffikultajiet kollha li għaddejna minnhom.

Wara staġun fejn iċ-Ċentru Tekniku esperjenza bidliet kbar fil-coaches tiegħu, l-edukazzjoni mistennija tikkontribwixxi dejjem aktar biex il-filosofija tal-logħba magħżula trid tkun mgħoddija lill-coaches ġodda li fl-aħħar mill-aħħar jipprattikawha f'xogħlhom fil-livelli kollha.



# Is-settur tar-refereeing

**It-titjib fil-kwalità tar-refereeing u l-kwantità ta' uffiċjali li jkollhom aċċess għal opportunitajiet edukattivi u ta' żvilupp huma fost l-għanijiet ewlenin tad-Dipartiment tar-Refereeing. Sa Novembru 2019, dan id-dipartiment kien immexxi minn Kevin Azzopardi, biex imbagħad inħatar Charles Agius bħala Direttur tar-Refereeing fuq bażi interim.**

Il-kumitat tar-referees għall-istaġun 2019-2020 kien magħmul minn 10 membri li jirrappreżentaw oqsma differenti. Ma' Adrian Casha, Viċi President tal-MFA, bħala Chairman, kien hemm Roberto Buontempo bħala Viċi Chairman u James Farrugia bħala Segretarju sa Diċembru 2019. Minn Jannar 2020, Joseph Rapa inħatar Segretarju tal-kumitat għall-kumplament tal-istaġun. Il-membri l-oħra huma Esther Azzopardi, Kevin Azzopardi (sa Novembru 2019), Charles Agius, Christopher Lautier, Clayton Pisani, Adrian Azzopardi u Gjergji Bitri.

F'Awwissu 2019, żar Malta Matteo Trefoloni, ex referee internazzjonali Taljan, bħala mistieden speċjali għas-seminar annwali għall-Elite Referees. Waqt dan is-seminar, ġiet diskussa wkoll is-sistema tal-VAR bi preżentazzjoni minn Mike van der Roost.

Fix-xena lokali, matul dan l-istaġun b'kollox id-Dipartiment tar-Referees ħareġ 2,966 appuntament fl-erba' diviżjonijiet tal-kampjonat Malti kif ukoll fl-FA Trophy, partiti mill-kompetizzjonijiet tan-nisa, żgħażagħ u l-kompetizzjonijiet kollha organizzati minn tmien Assoċjazzjonijiet Membri differenti.

Intant f'Jannar ġiet ippubblikata l-lista tal-uffiċjali internazzjonali Maltin għall-2020. Bħala referees kienu kkonfermati Alan Mario Sant, Trustin Farrugia Cann, Fyodor Zammit u Matthew Degabriele filwaqt li Alan Camilleri, Christopher Francalanza, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Edward Spiteri, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana u Roberto Vella kienu kkonfermati bħala Assistant Referees. Clint Cassar u David Balzan huma rikonoxxuti bħala FIFA referees fil-futsal filwaqt li fil-kategorija tal-beach soccer kienu kkonfermati Jonathan Mallia u Pierre Bonnici.

L-erba' referees internazzjonali, Alan Mario Sant, Fyodor Zammit, Trustin Farrugia Cann u Matthew Degabriele, komplew jirċievu appuntamenti regolari fil-kompetizzjonijiet varji organizzati mill-UEFA sakemm ħafna mil-logħbiet kellhom jiġu posposti minħabba l-COVID-19. Il-kors organizzat miċ-Ċentru ta' Eċċellenza tar-Referees (CORE) fi ħdan il-UEFA, li



Ir-referees internazzjonali (mix-xellug): Trustin Farrugia Cann, Fyodor Zammit, Alan Mario Sant u Matthew Degabriele.



Uffiċjali tal-logħba waqt il-pre-season seminar li sar f'Awwissu.

għalih kellhom jattendu tliet referees Maltin, ukoll ġie pospost minħabba l-pandemija.

## SKAMBJI INTERNAZZJONALI

F'dan l-istaġun komplew numru ta' skambji internazzjonali. Kienu ppjanati xejn inqas minn 10 skambji f'disa' pajjiżi differenti fosthom il-Ġermanja, l-Albanija, Ġibiltá, Estonja, Wales, Andorra, il-Portugall, Franza u Spanja.

Bejn Ottubru u Frar laħqu saru tliet skambji, fosthom fil-Ġermanja, Andorra u Ġibiltà. Sfortunatament, diversi skambji ġew ikkanċellati fosthom il-Memorial Lennart Johansson Academy Trophy 2020 fil-Portugall u l-Maurice Revello Tournament li kellu jsir fi Franza.

Fil-futsal, tkompla l-iskambju internazzjonali mal-federazzjonijiet tal-Iżvezja u n-Norveġja rispettivament. Sar ukoll is-seminar ta' qabel l-istaġun fin-Norveġja. Għal dawn l-iskambji attendew Clint Cassar fl-Iżvezja f'Jannar, Jonathan Mallia fin-Norveġja fi Frar, u Stephen Vella ħa sehem f'seminar fin-Norveġja, f'Novembru 2019.

Lokalment, matul ix-xahar ta' Jannar sar il-mid-season seminar, fuq jumejn, għall-kategoriji kollha. Għal dan is-seminar, li sar fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport f'Pembroke, il-mistieden speċjali kien Zsolt Szabo, ex FIFA referee mill-Ungerija li qasam l-esperjenzi tiegħu mal-parteċipanti.

Matul l-istaġun saru wkoll diversi laqgħat oħra ta' natura teknika kif ukoll sessjonijiet għall-parteċipanti tat-Talent & Mentor Programme. Dawn tmexxew minn Adrian Casha u William Debattista, fost kelliema oħra.

Ma naqsux ukoll is-sessjonijiet ta' taħriġ regolari u t-testijiet fiżiċi għall-uffiċjali kollha, kif stipulat mill-Konvenzjoni tar-Referees tal-UEFA, taħt il-gwida tal-fitness coach Ronald Zammit.

## OSSERVATURI TAR-REFEREES

Kompliet ukoll il-ħidma tal-osservaturi tar-referees. Saru diversi seminars u laqgħat tekniċi regolari dwar assessjar aħjar f'kull kategorija ta' referees, speċjalment fejn jidħol l-immaniġġjar tal-logħba. Adrian Casha u Ronald Zammit ħadu sehem fil-UEFA RAP Course li sar fi Frar fi Vjenna.

L-osservaturi internazzjonali Charles Agius, Adrian Azzopardi, Esther Azzopardi, Kevin Azzopardi u Marco Borg komplew jingħataw appuntamenti regolari matul l-istaġun. Huma kienu wkoll ta' spalla fl-organizzazzjoni loġistika fis-seminars u laqgħat oħra, fosthom dawk li saru fil-klabbs u ffukaw fuq l-emendi fir-regolamenti tal-logħba.




Malta għandha 16-il referee fuq il-FIFA panel għal din is-sena.

## AKKADEMJA TAR-REFEREES

Tkompla x-xogħol tal-Akkademja tar-Referees, immexxija minn Paul Caruana, fejn kien hemm 14-il żagħżugħ li attendew għat-taħriġ fiżiku u teoretiku. Ħafna mis-sessjonijiet teoretici tmexxew minn referees attivi bejn Ottubru u Marzu.

Taħt it-tmexxija ta’ Esther Azzopardi u uffiċjali tal-logħba oħra, saru wkoll żewġ korsijiet għal rekluti ġodda li attiraw 15-il parteċipant, fosthom minn Għawdex. L-istudenti attendew għat-taħrig neċessarju u temmew il-korsijiet permezz ta’ eżamijiet skont il-Konvenzjoni tar-Referees tal-UEFA. Uħud minn dawn laħqu għamlu d-debutt tagħhom matul l-istaġun.

Ġie mfassal ukoll kors ġdid immirat għat-tfajliet, li kellu jsir f’April, bil-għan li jattira aktar uffiċjali nisa lejn dan is-settur.

Numru ta’ uffiċjali promettenti oħra kienu appuntati għall-partiti tal-UEFA Youth Girls Development Tournament li sar fis-Centenary Stadium fi Frar.

Id-Dipartiment tar-Refereeing għadda wkoll minn diversi bidliet fl-amministrazzjoni tiegħu. L-amministrazzjoni kienet imsaħħa bl-ingaġġ ta’ Elaine Bonnici, persuna b’esperjenza varjata fil-familja tal-futbol.

B’sogħba kbira dan l-istaġun, tlifna kollega li tant kien jgħożż il-logħba tal-ballun partikolarment permezz tar-refereeing. Joseph Cilia Aquilina ħalla din id-dinja nhar il-Ħamis, 23 ta’ April, 2020. Huwa kien beda l-karriera tiegħu fl-2014 u kien assistent referee fil-kategorija nazzjonali.

## IL-PJANIJIET GĦALL-FUTUR

Is-settur tar-refereeing irid ukoll jallinja mal-miri stabbiliti fil-pjan strateġiku tal-Assoċjazzjoni. Għal dan il-għan, il-ħidma għat-tul għandha l-mira ta’ minimu ta’ 150 referee sas-sena 2021.

Fl-istaġun li għadda n-numru ta’ uffiċjali tela’ għal 140, filwaqt li r-rata ta’ dawk li jibqgħu attivi kienet ta’ 99%, ferm aħjar mill-mira inizjali.

## REKLUTAĠĠ

Total ta’ 13-il uffiċjal ġdid ikkwalifika mill-korsijiet għal individwi ġodda u hemm possibiltà li tlieta oħra jiggradwaw mill-Akkademja biex b’kollox inkunu ssuperajna l-mira li kellna ta’ 15-il referee ġdid kull staġun.





L-iżvilupp tal-uffiċjali tal-logħba huwa fiċ-ċentru tal-ħidma tad-Dipartiment tar-Referees.

Inżamm il-ftehim bejn l-MFA u l-MFRA li sar taħt l-amministrazzjoni preċedenti li jassigura li r-referees u l-assistenti referees tal-ogħla kategorija jirċievu ħlas minimu, irrispettivament mill-ammont ta' partiti li huma jikkontrollaw.

Dan qed iseħħ biex nagħtu s-sostenn meħtieġ lill-uffiċjali tal-logħba minħabba perjodi ta' waqfien li jista' jkollhom meta jkunu mweġġgħa jew mhux għaddejjin minn forma tajba.

## ŻIEDA FIR-RINUMERAZZJONI U GĦAJNUNA TEKNIKA

Wara proċess ta' konsultazzjoni ma' għadd ta' partijiet interessati, l-uffiċjali kollha ggwadanjaw minn żidiet konsiderevoli fil-ħlas għas-servizzi tagħhom u minn għajnuna teknika oħra biex tissaħħaħ il-kunfidenza u l-impenn tagħhom.

## SPINTA FIR-REKLUTAĠĠ GĦALL-OSSERVATURI

It-titjib fil-kwalità tal-osservaturi u r-rapporti tagħhom huwa possibbli bis-sostenn meħtieġ u b'taħriġ aktar intensiv li jgħolli l-kwalità tal-evalwazzjoni u l-livell tar-rappurtaġġ tagħhom.

Għandna sfida iebsa quddiemna biex intejbu l-konsistenza meta jingħataw il-punteġġi lill-uffiċjali tagħna. Dan huwa proċess kontinwu.

## TEKNOLOĠIJA ĠDIDA U GĦODDA DIĠITALI

L-investiment f'teknoloġija ġdida għall-ġid tal-logħba, li tinkludi għodda ta' komunikazzjoni, huwa dejjem aktar importanti.

Il-waqfa mill-futbol minħabba l-pandemija COVID-19 tatna l-opportunità li nipprovdu għodda diġitali online lill-uffiċjali tal-logħba u osservaturi tar-referees li tinkludi materjal ta' taħriġ edukattiv u amministrattiv.

**Fl-istaġun li għadda n-numru ta' uffiċjali tela' għal 140, filwaqt li r-rata ta' dawk li jibqgħu attivi kienet ta' 99%, ferm aħjar mill-mira inizjali**

## L-EDUKAZZJONI U L-IŻVILUPP TAR-REFEREEING F'PAJJIŻNA

L-edukazzjoni u l-iżvilupp tar-refereeing f'pajjiżna mistenni jieħu xejra oħra permezz tal-użu ta' portal għal skopijiet edukattivi.

Huwa maħsub li r-referees u l-osservaturi jkollhom aċċess għal azzjonijiet minn partiti bil-possibbiltà li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar sitwazzjonijiet partikolari u ssir diskussjoni online bejniethom, biex finalment tingħata d-deċiżjoni korretta li tassigura interpretazzjoni arbitrali f'waqtha. ■



Is-seminar ta' nofs l-istaġun sar fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

# Rebbieħa tal-unuri prinċipali



Floriana FC – rebbieħa tal-Kampjonat BOV Premier.



Valletta FC – rebbieħa tal-BOV Super Cup 2019.



Żejtun Corinthians – rebbieħa tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni.



Marsa FC – rebbieħa tal-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni.



Attard FC – rebbieħa tal-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni.



Birkirkara FC – rebbieħa tal-Kampjonat tan-Nisa.



Balzan FC – rebbieħa tal-Kampjonat tal-Youths.



Mġarr United FC – rebbieħa tal-Kampjonat tat-Nisa U-19.



Swieqi United FC – rebbieħa tal-Kampjonat tan-Nisa U-15.



Luxol Futsal – rebbieħa tal-Futsal Elite League u l-Amateur Futsal League.

# Proġetti infrastrutturali

**Fl-implimentazzjoni tal-istrateġija tagħha, matul l-aħħar xhur l-Assoċjazzjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex titjieb l-infrastruttura tal-futbol f'pajjiżna.**

Fost l-oħrajn, sar investiment qawwi fl-infrastruttura tas-Centenary Stadium, liema proġett ġie jiswa ftit anqas minn nofs miljun ewro. Wara l-investiment li sar fis-sajf li għadda fuq sistema ta' dawl artifiċjali ġdid kif ukoll xogħol ta' mmodernizzar fuq l-istands u d-dressing rooms, l-Assoċjazzjoni ħasset il-ħtieġa li jkollha post adekwat u flessibli fejn tilqa' l-Kumitat Eżekuttiv u l-laqgħat tal-Kunsill fost avvenimenti oħra.



Is-Centenary Hall ingħatat dehra ġdida.

Permezz ta' fondi mill-programm FIFA Forward sar xogħol estensiv ta' mmodernizzar fis-sala tas-Centenary Stadium, li llum tilqa' fiha 'l fuq minn 100 persuna u mgħammra bl-aqwa u l-aħħar teknoloġija moderna.

Proġett ieħor importanti fl-aħħar xhur kien l-immaniġġjar tal-pitch tal-Istadium Nazzjonali u tal-pitches l-oħra fiċ-Ċentru Tekniku li għaddew minn transizzjoni bejn kumpanija u oħra. Sar ukoll investiment f'makkinarju ġdid għall-manutenzjoni, bil-għan li l-kwalità tal-pitches kollha tkun tal-ogħla livell professjonali għas-saħħa u s-sigurtà tal-plejers. Dan il-proġett, fuq tliet snin, se jkun qed jiswa lill-Assoċjazzjoni ftit anqas minn €800,000, liema finanzjament ġej ukoll minn fondi taħt il-programm FIFA Forward.

Fl-aħħar sena, l-Assoċjazzjoni kompliet tifrex l-għajnuna tagħha għall-iżvilupp fl-infrastruttura tal-klabbs membri. Fost skemi u għajnuniet oħra, sar wiċċ artifiċjali ġdid fil-grawnds ta' Tarxien Rainbows FC, Msida St Joseph FC, Mosta FC u Żejtun Corinthians FC, liema investiment jammonta għal ftit aktar minn €300,000 li ġew iffinanzjati minn fondi tal-Assoċjazzjoni.

## Centenary Hall

€471,000 **spiża**
**tal-proġett ta' rinovazzjoni**

**85** **ġurnata** biex tlestew ix-xogħlijiet

## L-immaniġġjar tal-Pitches

**€769,454** investiment totali fuq perjodu ta' tliet snin

€120,000 **tfaddil fuq perjodu ta' tliet snin**

**€180,000** investiti f'**25** makkinarju ġdid għat-turf

40,000 **METRU KWADRU ta' turf naturali**

## Bdil tal-pitches tat-turf artifiċjali

**€318,000**

investiti biex jinbidlu l-pitches ta' turf artifiċjali tal-klabbs

**8,883 metru kwadru** ta' turf artifiċjali ġdid



Il-pitch b'turf artifiċjali li ġie nstallat fiż-Żejtun.

## PROĠETTI ĠODDA

Iċ-ċirkostanzi bla preċedent ta' dawn l-aħħar xhur ma waqqfux mill-ippjanar u l-ħidma fuq proġetti ambizzjużi li l-Assoċjazzjoni se tidħol għalihom fil-futur qrib.

Bdew diskussjonijiet mas-Segretarjat għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat dwar għajnuna finanzjarja biex isservi f'investimenti akbar fl-infrastruttura tal-klabbs membri, fosthom il-bdil tal-wiċċ artifiċjali ta' 48 pitch tal-futbol fuq perjodu ta' ħames snin, liema proġetti huma stmati li se jiswew madwar €6.5 miljun.

Dan il-proġett huwa parti mill-pjan strateġiku, ibbażat fuq fondi tal-Assoċjazzjoni u fondi nazzjonali tal-Gvern, bil-għan li jitjiebu l-faċilitajiet tal-futbol eżistenti f'pajjiżna.

Fost l-akbar impenji infrastrutturali tal-Assoċjazzjoni hemm ukoll il-bini ta' Ċentru Tekniku ġdid li ilu żmien jinħass il-ħtieġa tiegħu.

Dan il-proġett se jkun qed jinkludi binja moderna fuq spazju ta' ftit aktar minn 1,000 metru kwadru u li jinkludi parkeġġ, numru ta' dressing rooms, gym, meeting rooms u uffiċċji, sala kbira, kif ukoll faċilitajiet pubbliċi li jirrikjedi stadium tal-ewwel kategorija biex ikun jista' jospita logħbiet internazzjonali ta' taħt is-17 u d-19-il sena.

Id-disinji u l-pjanti huma finalizzati u bħalissa qed isiru l-estimi finanzjarji dwar kif dan il-proġett qed jiġi propost, qabel ma' jiġi ppreżentat f'laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv, fejn imbagħad wara jitressaq għall-approvazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

Dan il-proġett huwa wkoll parti mill-pjan strateġiku, ibbażat fuq fondi internazzjonali u dawk tal-Assoċjazzjoni, bil-għan li jitjiebu l-faċilitajiet tal-futbol fiċ-Ċentru Tekniku u li jwasslu għal aktar riżultati ambizzjużi.



Makkinarju ġdid għall-manutenzjoni tal-pitches.

# Faċilitajiet tal-MFA



## L-ATTIVITÀ FIL-PIXXINA FIL-MILLENNIUM STAND

L-operat globali tal-pixxina reġa' kien pjuttost sodisfaċenti, anke jekk sofriet bħal kull attività minħabba l-COVID-19.

Matul din is-sena finanzjarja b'kollox ġew tesserati total ta' 386 membru. Il-bejgħ reġistrat kien ta' €275,672, tnaqqis mis-sena finanzjarja preċedenti 2018-2019, fejn il-bejgħ kien ta' €305,220.

It-total ta' bejgħ jinqasam f'dak dirett mill-pixxina li jammonta għal €191,540, u €84,132 minn ibbukkjar tal-korsiji tal-pixxina.

Ma' din l-attività hemm marbut programm kostanti ta' manutenzjoni, kemm fis-servizzi wżati direttament mill-membri kif ukoll fit-tagħmir bħal pompi u ż-żamma tal-kwalità tal-ilma.

## MILLENNIUM PHYSIOTHERAPY CLINIC

Matul l-istaġun 2019-2020, issoktaw is-servizzi ta' fiżjoterapija f'diversi setturi tal-isport fil-Millennium Physiotherapy Clinic. It-tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-klinika kien ta' benefiċċju biex komplew jittejbu l-prattiċi u l-proċeduri eżistenti, u b'hekk is-servizzi kollha offruti setgħu jitwasslu għand il-klijent bl-aktar mod effiċjenti.

Filwaqt li komplejna noffru s-servizz tal-medical testing għall-klabbs tal-futbol kollha, kif ukoll għar-referees, din is-sena ttieħdet id-deċiżjoni li nestendu s-servizz tat-test mediku għal wieħed komplut u li jiġi ċċertifikat minn tabib li jkun dispost fil-klinika stess.

Qabel ma daħlet fis-seħħ din il-prattika, il-klinika kienet tipprovdi servizz ta' screening tal-ECG biss u l-plejer kien jieħu r-riżultat għand it-tabib tiegħu jew dak tal-klabb. Issa l-proċedura kollha tat-test mediku komplut tista' ssir fil-klinika tal-MFA.

Is-servizzi li kienu ntrodotti s-sena l-oħra, dak tal-PRP injections u shockwave treatment, qed jingħataw b'mod regolari, iżda mhux kuljum peress li dawn it-trattamenti jiġu rakkomandati għal injuries partikolari.

Wara l-ftehim li ntlaħaq is-sena l-oħra mal-MCAST biex studenti li jkunu qed isegwu korsijiet partikolari, bħal dak ta' BSC (Hons) in Sport, Exercise and Health, ikunu jistgħu jagħmlu l-placement tagħhom fil-klinika, disa' studenti kienu se jibbenefikaw minn dan il-programm. Madankollu, billi l-klinika kellha tingħalaq minħabba l-pandemija, dawn il-placements ma setgħux ikomplu.

Il-ħsieb għall-futur tal-klinika huwa li din issir kummerċjalment aktar vijabbli, possibbilment anke jekk mogħtija lill-privat filwaqt li jinżammu s-servizzi eżistenti. Dan ikun jippermetti aktar investiment li jibqa' dejjem neċessarju biex din il-faċilità tibqa' aġġornata kif ukoll titjieb fis-servizzi u t-trattament mogħtija biex b'hekk togħolli l-livell. ■



# L-aspett mediku fi staġun li ħoloq sfidi bla preċedent

**L-istaġun 2019-2020 kien partikolari aktar mis-soltu għad-Dipartiment Mediku fi ħdan il-Malta Football Association, speċjalment minħabba l-isfida bla preċedent tal-pandemija tal-COVID-19.**

Lura f'Ottubru 2019, il-futbol Malti esperjenza inċident sfortunat hekk kif plejer sofra minn attakk f'qalbu waqt logħba fis-Centenary Stadium. L-intervent f'waqtu li ngħata dak il-ħin stess mill-istaff paramediku tal-MFA li kien fuq il-post bl-għajnuna tal-fotografu Walter Sargent kien kruċjali biex tiġi salvata l-ħajja tal-plejer. Dan l-episodju jkompli juri kemm huwa importanti li jkun hemm l-apparat mediku kollu meħtieġ waqt il-logħbiet.



## TIBDIL FIL-PROTOKOLL OPERATTIV

L-inċident li seħħ fis-Centenary Stadium wassal għal inkjesta maġisterjali li ħarset lejn l-aspetti kollha marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tal-plejers.

L-inkjesta nnutat li l-AED (Automated External Defibrillator) kien użat b'mod perfett u li membru mill-istaff tal-paramediċi ta attenzjoni medika f'waqtha lil dan il-plejer. F'dan il-każ il-kura kellha tingħata kollha fuq il-post tal-inċident.

Ġie nnutat ukoll li ż-żewġ klabbs involuti ma kellhom l-ebda membru tal-istaff imħarreġ biex jassisti lill-paramediku tal-MFA. Wara konsultazzjoni, ħareġ b'mod ċar li din is-sitwazzjoni kienet komuni f'kull livell. Dan wassal biex l-Assoċjazzjoni pproponiet tibdil fir-regolamenti biex kull klabb jibda jkollu first-aider li jkun imħarreġ u ċertifikat fil-line-up f'kull partita.

L-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-paramediċi pprovduti mill-MFA kienu wkoll definiti aħjar għax huwa importanti li jkollhom ir-responsabbiltà tas-superviżjoni u attenzjoni medika kif ukoll għall-emerġenza fejn jassistu lill-first-aiders tal-klabbs fejn ikun hemm il-ħtieġa.

Barra minn hekk, l-obbligu li t-test mediku ta' plejers adulti jsir ta' kull sena bħala parti mill-iscreening, ġie approvat mill-Kumitat Eżekuttiv.

## TAĦRIĠ GĦALL-ISTAFF

It-taħriġ li jingħata lill-paramediċi u lill-istaff li jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-grawnds lokali jibqa' kruċjali. Il-kmamar mediċi fejn hemm l-AEDs madwar il-grawnds ma jkunux jistgħu jintużaw kif xieraq jekk ma jkunx hemm xi ħadd imħarreġ biex jutilizzahom.



Id-Dipartiment Mediku ħejja Concussion Protocol li se jintbagħat lill-klabbs kollha.

Għal dawn l-aħħar sentejn, id-Dipartiment Mediku kien qed juża s-servizzi tal-Malta Red Cross biex iwassal programmi tal-ewwel għajnuna. Hekk kif ġie impost l-obbligu li l-klabbs ikollhom first-aider fil-line-up, l-Assoċjazzjoni impenjat ruħha li torganizza sensiela ta' korsijiet fl-ewwel għajnuna għall-klabbs u tkopri l-ispejjeż tagħhom.

## IL-KORS UEFA CASCADE

Wara s-suċċess tas-sena l-oħra fejn kien ġie implimentat il-kors ta' Level 1 UEFA Cascade, kien hemm ippjanat Level 2 għax-xahar ta' April, iżda minħabba l-pandemija tal-COVID-19, dan il-kors kellu jiġi pospost għal data oħra.

Id-dipartiment jinsab fil-proċess li japplika għal fondi mill-UEFA biex jorganizza aktar korsijiet bħal dawn fix-xhur li ġejjin. Il-ħsieb hu li parti minnhom jiġu organizzati online biex il-kandidati jkollhom iċ-ċans li jirreferu għall-materjal edukattiv kemm qabel kif ukoll wara l-kors.

## IR-RISPONS GĦALL-COVID-19

Id-Dipartiment Mediku kellu rwol importanti fir-rispons għall-pandemija u l-miżuri biex id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa jkunu implimentati bl-aħjar mod. Kien partikolarment involut biex jagħti l-pariri u janalizza s-sitwazzjoni skont kif kienet qed tiżviluppa.

Kien hemm ukoll monitoraġġ tal-plejers u tal-istaff li kienu qed jaslu minn barra, fejn dawn kienu jinkludu membri tat-tim nazzjonali tan-nisa li twaqqfu milli jieħdu sehem f'logħba ta' kwalifikazzjoni qabel mal-futbol waqaf għal kollox.

Ta' min jgħid li t-tagħrif dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-atleti għadu limitat. L-ewwel studji jissuġġerixxu li jista' jkun hemm żieda fil-konsegwenzi kardjovaskulari kif ukoll konsegwenzi respiratorji u għaldaqstant ġew emendati l-linji gwida mediċi biex jiġi evitat kull riskju.



It-tim mediku jieħu ħsieb il-kura tal-plejers tal-iskwadri nazzjonali kollha.

# L-importanza tal-komunikazzjoni tispikka aktar waqt il-kriżi tal-COVID-19

**Il-komunikazzjoni mhijiex essenzjali biss fit-tixrid tal-aħbar u informazzjoni f'waqtha dwar il-ħidma tal-Malta Football Association f'realtà normali meta l-attività, l-impenji u l-kompetizzjonijiet ikunu għaddejjin b'ritmu mgħaġġel. Il-pandemija ħolqot sfidi ġodda u bla preċedent f'kull qasam li iżda żiedet l-importanza tal-komunikazzjoni mal-imsieħba kollha.**

F'ċirkostanzi normali dan id-dipartiment għandu l-irwol li jwassal messaġġ korrett dwar il-ħidma li tkun għaddejja.

Sa Novembru 2019 it-timijiet nazzjonali baqgħu fuq quddiem nett fejn jidħol l-interess tal-pubbliku.

Minn akkreditazzjoni għall-ġurnalisti kemm lokali u dawk barranin għal-logħbiet f'darna, pubblikazzjonijiet dettaljati u ta' livell għoli marbuta ma' partiti internazzjonali, ħidma separata li eventwalment twassal għal opportunitajiet lill-membri tal-istampa li jitilgħu fuq l-istess ajruplan mal-iskwadra nazzjonali jirrappurtaw mill-qrib logħbiet barra l-pajjiż,



**Aktar kontenut fuq il-midja soċjali tal-Assoċjazzjoni.**

sa konferenzi ta' qabel u wara l-partiti li wkoll jinħtieġu impenn konsiderevoli. Dawn il-laqgħat diretti mal-protagonisti dejjem joħolqu interess mal-istampa u s-segwaċi kull meta jkun fl-azzjoni t-tim nazzjonali.

Naturalment dan kollu waqaf ħesrem minn meta bdiet l-imxija tal-COVID-19 bil-logħbiet skedati tat-timijiet nazzjonali f'kull livell jiġu posposti.

Madankollu l-kontenut fuq il-mezzi varji tal-Assoċjazzjoni kompla u ssaħħaħ, u żdied anke bl-introduzzjoni ta' features ġodda bħal logħbiet storiċi b'filmati jew ritratti li jqanqlu interess u nostalġija fost ħafna li waqt il-pandemija kienu fi djarhom isegwu dak li kien għaddej.

**www.mfa.com.mt**
+2.2m page views fl-aħħar 12-il xahar

**Facebook – 34,200+ Likes**
Żieda ta' 4,000 like mis-sena ta' qabel

**Instagram – 6,400+ followers**
Żieda ta' 2,000 follower mis-sena ta' qabel

**30+** – Numru ta' avvenimenti għall-midja u konferenzi stampa




## IL-120 ANNIVERSARJU TAL-MFA

Għalkemm il-prijoritajiet kienu band'oħra, l-Assoċjazzjoni din is-sena tfakkar anniversarju importanti. Fid-29 ta' April li għadda, l-MFA nidiet numru ta' attivitajiet marbuta ma' dan permezz ta' programm speċjali mtella' mill-istess Dipartiment tal-Komunikazzjoni.




**Programm speċjali dwar il-120 anniversarju tal-MFA.**

Anniversarju sinifikanti ħafna li f'ċirkostanzi normali kien jiġi ċċelebrat fuq skala akbar, iżda l-pandemija żammet milli jsir dan kollu. Il-programm ittella' b'mod virtwali bil-parteċipazzjoni ta' numru ta' ex plejers bħal Joe Cini, li kien parti mit-tim nazzjonali li lagħab kontra l-Awstrija fl-1957, Raymond Vella, Gilbert Agius, u oħrajn li preżentament għadhom attivi bħal Michael Mifsud, il-plejer bl-akbar ammont ta' partiti u anke gowls bil-flokk tat-tim nazzjonali, kif ukoll Dorianne Theuma li riċentament għaqdet il-100 logħba tagħha bil-flokk nazzjonali.




## KOMUNIKAZZJONI MATUL IL-COVID-19

Bla dubju ta' xejn, il-perjodu meta l-futbol, bħal ħafna attivitajiet oħra, kien wieqaf minħabba l-COVID-19, ma kienx wieħed faċli għall-uffiċjali fit-tmun tal-Assoċjazzjoni. Madankollu, il-ħidma tal-Assoċjazzjoni baqgħet għaddejja b'laqgħat kontinwi anke jekk b'mod virtwali, kemm internament iżda anke mal-imsieħba kollha, speċjalment il-klabbs u l-Assoċjazzjonijiet Membri u anke l-Kumitat tad-Djalogu Soċjali.

Id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni baqa' fuq quddiem bl-informazzjoni u stqarrijiet li minn żmien għal żmien kienu ħerġin b'aġġornamenti kontinwi dwar deċiżjonijiet importanti.




**L-MFA qed taħdem fuq website ġdida, proġett finanzjat mill-programm FIFA Forward.**




**L-Assoċjazzjoni żammet kuntatt regolari mal-imsieħba kollha, inkluż il-ġurnalisti.**

Dan sar f'kuntest delikat fejn l-isfidi u x-xenarji ffaċċjati mit-tmexxija tal-MFA kienu qed jinbidlu minn jum għal jum u fid-dawl tal-fatt li għajnejn kulħadd fil-pajjiż kienu prattikament fuq il-verdetti tal-kampjonati li kellhom jingħataw ladarba l-attività fil-pitch kellha tieqaf.

Eventwalment saret konferenza tal-aħbarijiet li tat l-opportunità lill-President tal-Assoċjazzjoni, Bjorn Vassallo, li f'xandira diretta fuq l-istazzjon nazzjonali jelenka l-kronoloġija sħiħa tal-ġrajjiet u d-deċiżjonijiet importanti li l-Assoċjazzjoni kellha tieħu kawża tal-COVID-19 qabel ma finalment wasal il-vot importanti tal-Kunsill tal-MFA, nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju.

Waqt li l-attenzjoni ta' ħafna kienet fuq il-verdetti tal-kampjonati, il-pandemija serviet ukoll biex ittieħdu miżuri oħra (anke wara laqgħat dettaljati u fit-tul mal-klabbs), biex għaż-żmien li ġej isir it-tibdil u ċ-ċaqliq neċessarju fil-kampjonati u riformi importanti oħra.







**State of play – pubblikazzjoni maħruġa mill-MFA li ġiet preżentata fil-Laqgħa Generali Annwali tas-sena l-oħra.**




## KOMPETIZZJONIJIET DOMESTIĊI

Il-konferenzi tal-aħbarijiet (MD-1 Press Briefings) qabel logħbiet importanti tal-Kampjonat BOV Premier u anke tal-FA Trophy niżlu tajjeb ħafna, opportunità wkoll biex f'ambjent amikevoli uffiċjali u plejers ta' klabbs differenti jiltaqgħu u jidhru flimkien dejjem konformi mal-kunċett tal-Fair Play.

L-MFA għandha diversi pjattaformi li jintużaw biex jintlaħqu udjenzi differenti. Minbarra s-sit uffiċjali – www.mfa.com.mt, jittella' wkoll kontenut regolari fuq Facebook, Twitter u Instagram, it-tliet pjattaformi fil-midja soċjali.

Ta' min isemmi wkoll li bħalissa għaddejja ħidma konġunta bejn diversi dipartimenti tal-MFA fuq website ġdida li se tkun ikkumplimentata minn Match Centre virtwali. Dan grazzi għal fondi mill-programm FIFA Forward.

## PROGRAMM TELEVIŻIV

Matul il-pandemija, ittieħdet l-inizjattiva li għal perjodu ta' kważi xahrejn jittella' programm televiżiv marbut mat-taħriġ waqt li t-tfal u l-adulti kienu d-dar.

Il-programm #TrainingwithMFA kien opportunità biex it-tfal jingħataw taħriġ b'mod virtwali minn coaches tal-MFA biex iżommu l-kuntatt tagħhom mal-ballun waqt li jibqgħu attivi fiżikament u anke mentalment f'perjodu li ma kien xejn faċli għal kulħadd.

Il-programm ta' madwar 20 minuta xxandar mit-Tnejn sal-Ġimgħa fuq l-istazzjonijiet ewlenin f'pajjiżna, imxandar ukoll fuq il-YouTube Channel tal-Malta Football Association. ■




# MFA SportsPlus Limited

MFA SportsPlus Limited hija kumpanija li tagħha l-MFA hija shareholder u li toffri servizzi relatati mat-turiżmu sportiv, speċjalment l-organizzazzjoni ta' training camps għal timijiet tal-futbol f'Malta u aspetti oħra bħal vjaġġar, konsulenza dwar drittijiet televiżivi u aspetti loġistiċi oħra meta timijiet barranin iżuru Malta u anke meta timijiet Maltin ikunu impenjati f'partiti mill-kompetizzjonijiet tal-UEFA.

Ix-xahar ta' Jannar huwa ferm impenjattiv għal MFA SportsPlus Limited, strumentali biex jiġu attirati lejn Malta timijiet barranin li japprofittaw mill-klima favorevoli f'Malta biex ikomplu t-taħriġ u l-preparazzjoni tagħhom għat-tieni parti tal-istaġun.

L-irwol f'dan kollu tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni huwa li jżomm kuntatt mal-istampa lokali f'dak kollu li jkun għaddej f'dan ir-rigward, minn sessjonijiet ta' taħriġ, għal appuntamenti oħra bħal intervisti, waqt li jsegwi mill-qrib ir-rappurtaġġ li jkun għaddej relatat ma' dawn iż-żjarat.

Wieħed ta' min isemmi l-organizzazzjoni tat-Tipsport Malta Cup bil-parteċipazzjoni ta' tliet klabbs Ċeki u ieħor mis-Slovakkja, il-wasla f'Malta ta' Augsburg tal-Ġermanja u Cercle Brugge KSV tal-Belġju, kif ukoll inġiebu Malta t-timijiet nazzjonali tan-nisa tal-Iżvizzera u t-Turkija li wkoll ġew għal training camp, apparti li sabu l-ħin jilagħbu f'partiti ta' ħbiberija kontra t-tim nazzjonali Malti.

Barra minn hekk, il-kumpanija tieħu ħsieb il-loġistika f'Malta ta' numru kbir tal-pajjiżi li jżuruna bħala avversarji fil-kategoriji varji tat-timijiet nazzjonali. ■




# Rispons pożittiv ferm għall-inizjattivi fil-qasam tal-esports

**L-ewwel sena esperjenza għall-Malta Football Association fid-dinja virtwali tal-esports kienet inkoraġġanti mhux ftit.**

L-efootball huwa fenomenu li issa ndara sew, prattikat tista' tgħid mad-dinja kollha bi plejers professjonali li qed jagħmlu suċċess kbir f'dan l-isport.

Jintlagħab mill-kumdità tad-dar fuq il-logħob PES (Pro Evolution Soccer) jew FIFA, bit-tim nazzjonali Malti li anke ġie rikonoxxut għall-ewwel darba fuq PES 2020. Dan kollu seta' jkun possibli wara ftehim li sar bejn il-UEFA, f'isem l-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali, u l-Konami, il-kumpanija li tipproduċi l-logħba.

FIFA 20 hija meqjusa bħala l-aktar logħba tal-futbol popolari fix-xena tal-efootball u kien għalhekk li l-MFA għamlet kuntatt ma' EA Sports li kienet katalista biex l-Assoċjazzjoni kisbet il-liċenzja meħtieġa u li permezz tagħha l-plejers professjonali tal-esports setgħu jgħollu l-livell tagħhom fuq skala internazzjonali.

Diversi xhur ta' ħidma wasslu għat-tnedija uffiċjali tal-kampjonat domestiku tal-esports, il-BOV ePremier League.

Kull klabb tal-Kampjonat Premier kien rappreżentat minn gamer li għadda mill-fażijiet ta' kwalifikazzjoni li saru f'Novembru.

Il-kampjonat kien mifrux fuq sitt matchdays bejn Jannar u Ġunju, fejn il-logħob kien isir fi studio li bl-aktar mod professjonali tlesta apposta biex jilqa' fih din it-tip ta' kompetizzjoni.

Il-kampjonat kien mirbuħ minn Christian Spiteri f'isem Santa Lucia FC li kiseb total ta' 72 punt. Christian huwa sinonimu ma' dan is-settur fejn is-sena li għaddiet ġie fost l-aqwa 30 fid-dinja fil-lista tal-aqwa plejers fil-Global Series fuq PlayStation u anke ġie ngaġġat minn klabb barrani wara l-wirjiet impressjonanti tiegħu fil-kampjonat domestiku, waqt li ddistingwa ruħu anke fil-livell internazzjonali.

Kif kulħadd jaf l-aħħar xhur kienu ferm kwieti u kemxejn diffiċli għall-futbol, madankollu mhux l-istess jista' jingħad għal-logħob virtwali, b'ħafna attività li għenet ukoll għal futur sostenibbli fejn jidħol l-efootball, fl-aspirazzjoni li jitjieb il-livell internazzjonali.

Filwaqt li l-maġġoranza tal-poplu kien maqful f'daru jsegwi d-direttivi marbuta mal-pandemija COVID-19, il-ħidma fejn tidħol l-industrija tal-esports

f'Malta baqgħet għaddejja b'ritmu mgħaġġel. Inħolqu sensiela ta' inizjattivi, fosthom logħob ta' ħbiberija b'riżultati pożittivi għat-tim nazzjonali u kompetizzjonijiet oħra lokali li għenu biex jelevaw il-valur u l-popolarità ta' l-esports.

Minħabba li fiċ-ċirkostanzi t-tim nazzjonali Malti ma setax jilgħab il-logħbiet ta' ħbiberija skedati f'Marzu kontra l-Ażerbajġan u Ġibiltà, l-MFA ħadet l-inizjattiva biex l-istess fixtures intlagħbu b'mod virtwali fuq PES 2020, b'rebħiet għat-tim nazzjonali Malti tal-efootball magħmul minn Christian Spiteri, Gianluca Sant u Kurt Fenech. Il-Gżejjer Faroe offrew l-opportunità biex tintlagħab logħba ta' ħbiberija oħra iżda b'xorti ħażina hawnhekk ir-riżultat ma' ġiex favur tagħna.

Dawn il-logħbiet kienu segwiti minn mijiet ta' segwaċi fuq il-pjattaformi soċjali tal-Assoċjazzjoni fosthom Facebook LIVE u Twitch.

Wara tliet appuntamenti fuq PES 2020, kien imiss impenji ġodda fuq FIFA 20 bil-FIFA eNations Stay and Play Challenge. Hawnhekk Christian Spiteri rrappreżenta lil Malta flimkien mal-plejer professjonali (tal-futbol) ta' Hibernians Dunstan Vella.

Anke f'dan it-tournament virtwali, ir-riżultati kienu ferm inkoraġġanti b'rebħiet fuq il-Portugall, Spanja,




Wales u l-Ġermanja li għenu lit-tim Malti jasal sal-finali u jikseb it-tieni post, megħlub biss 2-1 mill-Arabja Sawdita fil-partita deċiżiva.

Il-waqfien mill-kampjonat fuq il-ħaxix naturali wassal għal kompetizzjoni oħra virtwali – il-BOV Premier eChallenge fejn 14-il plejer bidlu l-irwol tagħhom mill-ħaxix aħdar għal fuq is-salott tad-dar biex jieħdu sehem f'kompetizzjoni Knock-Out li saret f'Mejju.

Ryan Cauchi, f'isem Tarxien Rainbows, rebaħ lil Dunstan Vella ta' Hibernians, logħba li kienet ukoll dwell bejn żewġ timijiet rivali u ġirien, fejn anke ħarġet il-kompetittività tal-plejers minkejja li s-soltu narawhom f'ambjent tal-pitch kemxejn differenti minn dak virtwali.

Id-dipartiment tal-esports ħadem ukoll qatiegħ biex jagħmel lill-partitarji tal-futbol madwar il-pajjiż aktar konxji minn dan il-fenomenu ġdid. Dan minbarra ħidma li tgħin lill-plejers professjonali Maltin ikomplu jgħollu l-livell tagħhom fl-efootball biex ikunu preparati sew għal-livell internazzjonali u fl-aspirazzjoni ta' aktar suċċess lejn Malta.

Hawnhekk il-frott diġà beda jidher bin-numru ta' plejers li kkwalifikaw għall-fażi preliminari tal-EA Global Series jiżdied b'mod sostanzjali fuq is-sena preċedenti.



Christian Spiteri, f'isem Santa Lucia FC, rebaħ l-ewwel edizzjoni tal-BOV ePremier League.

# Ix-xogħol tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani jibda jħalli l-frott

**In-nuqqas ta' Dipartiment tar-Riżorsi Umani fi ħdan l-Assoċjazzjoni kien ilu jinħass. Fl-aħħar sena l-ħolqien tiegħu kienet waħda mit-tibdiliet ewlenin fl-istruttura tal-organizzazzjoni, li llum tinqasam bejn il-funzjonijiet marbuta mal-futbol, funzjonijiet amministrattivi u dawk finanzjarji, b'definizzjoni aħjar tal-irwoli u r-responsabbiltajiet.**

## EŻERĊIZZJU TA' RISTRUTTURAR

L-ewwel għan tad-dipartiment kien li jerġa' jistruttura d-dipartimenti kollha biex dawn jikkumplimentaw l-istruttura organizzattiva l-ġdida. Minbarra d-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kien hemm dipartimenti ġodda oħra maħluqa li kkumbinaw għadd ta' oqsma u riżorsi flimkien biex jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet tal-operat u tiżdied l-effiċjenza.

Dawn id-dipartimenti kienu jinkludu l-Football Services u l-Football Operations. Permezz ta' dan l-eżerċizzju kien hemm reviżjoni tal-irwoli u d-dmirijiet tal-impjegati kollha u ġiet stabbilita wkoll linja ċara ta' komunikazzjoni u rappurtaġġ. L-għan kien li tiġi żgurata r-responsabbiltà ta' kull impjegat fi ħdan l-Assoċjazzjoni u biex kulħadd ikollu punt ta' referenza fi ħdan l-organizzazzjoni.




**Struttura organizzattiva ġdida tal-Malta Football Association.**

Ristrutturar bħal dan jinvolvi għadd ta' laqgħat ma' numru ta' dipartimenti differenti u mal-impjegati kollha biex kemm jista' jkun it-transizzjoni tkun waħda bla xkiel. Wieħed jifhem li dan l-eżerċizzju ta bidu għal bidla fil-kultura u l-mentalità fi ħdan l-Assoċjazzjoni u l-irwol tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kien li jiżgura li kemm jista' jkun kulħadd iħossu parti integrali minn dan il-proġett.

## COVID-19

Il-pandemija COVID-19 ġabet ukoll l-isfidi amministrattivi tagħha u l-akbar prijorità tad-dipartiment kienet li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati.

Dan kien jinkludi l-introduzzjoni ta' diversi miżuri biex jissalvagwardjaw is-saħħa tal-impjegati, fosthom l-opportunità li fejn hu possibbli l-impjegati setgħu jaħdmu mid-dar. Is-sigurtà tal-impjiegi u l-impatt finanzjarju fuq l-Assoċjazzjoni kienu wkoll ta' tħassib kbir.

Sabiex jiġu protetti l-impjiegi u l-istabbiltà finanzjarja tal-Assoċjazzjoni flimkien mad-diretturi rispettivi, tfassal programm ta' ħidma biex jiġi żgurat li l-impjegati kollha ġew assenjati numru ta' proġetti.






Mil-lat finanzjarju, l-Assoċjazzjoni applikat għas-sussidji finanzjarji kollha possibbli mogħtija mill-Gvern, fosthom il-Wage Supplement Benefit u l-Quarantine Leave Scheme. Huwa ta' sodisfazzjon li l-applikazzjoni tal-MFA ġiet aċċettata b'mod sħiħ u kopriet aktar minn 90 impjegat li s-sors ewlieni tad-dħul tagħhom jiġi direttament mill-Assoċjazzjoni.

Aspett u kriterju importanti tal-applikazzjoni kien il-fatt li r-rekords kollha mal-awtoritajiet lokali tal-impjiegi huma fis-seħħ. Eżerċizzju bħal dan għen biex jiġi żgurat li r-rekords tal-impjegati jkunu aġġornati u reġistrati mal-awtoritajiet. Apparti dawn il-miżuri, u fid-dawl tal-fatt li l-futbol kien wieqaf, l-Assoċjazzjoni ħadet deċiżjoni biex twaqqaf temporanjament il-part-timers regolari kollha li s-sors ewlieni tad-dħul tagħhom mhuwiex mill-Assoċjazzjoni, b'hekk tnaqqset l-ispiża relatata mal-pagi f'mument meta s-sitwazzjoni u l-qagħda finanzjarja ntlaqtet b'mod negattiv.

L-għan tad-dipartiment huwa li jinħoloq ambjent pożittiv għall-impjegati f'qafas strutturat u jipprovdi pjattaforma u opportunitajiet biex il-ħaddiema jiżviluppaw fi ħdan l-Assoċjazzjoni.

Fl-ewwel ftit xhur id-dipartiment iffoka fuq l-implimentazzjoni tal-istruttura. Il-pass li jmiss huwa li jkompli jaħdem biex isaħħaħ il-funzjoni amministrattiva u jiffoka wkoll fuq l-iżvilupp u l-produttività tal-impjegati.




## ESTATE MANAGEMENT U LOĠISTIKA

Parti mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tinkludi t-taqsima tal-Estate Management u l-Loġistika. Matul il-COVID-19, l-impjegati fi ħdan id-dipartiment tal-Estate Management komplew bi proġetti ta' manutenzjoni u tindif li matul is-sena ma kinux ikunu prijorità minħabba l-operat normali tal-futbol.

Ir-ritorn għax-xogħol b'mod normali iżda bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni kien ukoll prijorità ewlenija għall-Assoċjazzjoni li żgurat li l-bini kollu jkun mgħammar kif rakkomandat mill-awtoritajiet tas-saħħa.

## INFORMATION TECHNOLOGY (IT)

Fejn tidħol governanza tal-IT, bil-gwida siewja taħt il-programm UEFA GROW, ġew strutturati Steering Committee u Working Groups li regolarment jikkordinaw id-domanda għal servizzi tal-IT u proġetti ta' titjib fis-sistemi.

Wara li tfasslet strateġija għal dan il-qasam, issa hemm pjan li qiegħed jiġi implimentat gradwalment. Dan jinkludi titjib fis-sigurtà tad-data tal-Assoċjazzjoni, il-manutenzjoni ta' tagħmir bħal CCTV cameras u servers, kif ukoll l-introduzzjoni ta' pjattaforma ECM (Enterprise Content Management) biex jiġu proċessati dokumenti interni b'mod strutturat. B'hekk l-informazzjoni tinżamm b'mod sigur u l-aċċess għad-data jkun traċċabbli.

Fl-aħħar ġimgħat kien hemm ukoll ħidma fuq pjattaforma ġdida ta' tagħlim online kemm għall-impjegati kif ukoll imsieħba oħra fil-futbol minn dipartimenti varji, biex dawn ikomplu bit-tagħlim tagħhom mis-sigurtà u l-kumdità ta' djarhom.



# Id-Dipartiment tal-Finanzi

**Matul is-sena finanzjarja li ntemmet f'Marzu 2020, l-Assoċjazzjoni ffaċċjat sfidi ġodda sabiex iżżomm mal-budget u fl-istess waqt taġġusta għall-prijoritajiet kif imfassla mill-amministrazzjoni wara l-elezzjoni ta' President ġdid.**

Minbarra dan, l-MFA għadha qed tindirizza sfida akbar marbuta mal-impatt negattiv tal-pandemija COVID-19. Minkejja dan kollu, din is-sena l-Assoċjazzjoni rreġistrat żieda fid-dħul tal-operat u dħul straordinarju ieħor li għamel tajjeb għall-ħlas lura ta' self bankarju fuq il-proġetti tal-klabbs.

Matul l-istaġun 2019-2020, l-MFA kompliet tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mal-kompetizzjonijiet domestiċi f'kull diviżjoni, infieq kapitali u skemi ta' benefiċċju lill-klabbs, b'nefqa li tlaħħaq aktar minn €3 miljun. Dan jammonta għal 36% tad-dħul tal-Assoċjazzjoni.

Fost il-proġetti importanti li tlestew matul l-istaġun, kien hemm l-immodernizzar tas-sala tal-konferenzi fis-Centenary Stadium, tlestew ix-xogħlijiet fl-istess stadium, speċifikament l-istands, id-dressing rooms u sistema ġdida tal-floodlights, u bdejna x-xogħol fuq website uffiċjali ġdida tal-MFA. Għal dawn il-proġetti, l-MFA użat fondi tal-FIFA Forward.

Il-budget għall-istaġun li jmiss, 2020-2021, ġie approvat f'laqgħa virtwali tal-Kumitat Eżekuttiv li saret f'April. Id-dħul totali mbassar ilaħħaq ftit aktar minn €9 miljuni bi ħruġ ta' madwar €7.5 miljun fl-operat.

L- MFA trid ukoll tkompli tagħmel tajjeb għall-iskemi u d-dħul garantit tal-klabbs. F'kollaborazzjoni mal-Gvern, l-Assoċjazzjoni qed taħdem fuq il-finanzjament biex jinbidlu l-pitches fil-faċilitajiet tal-klabbs. Dan se jippermetti li titnaqqas in-nefqa diretta fi proġetti tal-klabbs biex b'hekk isir investiment akbar fl-aspett tekniku, kif mitlub mill-istrateġija tal-Assoċjazzjoni.



**Ivan Mizzi, it-Teżorier tal-Assoċjazzjoni, jippreżenta r-Rapport Finanzjarju waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2019.**

Id-Dipartiment tal-Finanzi dan fl-istaġun beda jara l-frott ta' software ġdid li kien introdott fl-istagun ta' qabel. Bħalissa, l-MFA qiegħda taħdem sabiex ikollha software ġdid relatat ma' purchasing u procurement u dan biex tiżdied l-effiċjenza u t-trasparenza ta' dawn il-proċessi.

# Tissokta l-ħidma tal-Uffiċċju tal-Integrità

**L-Uffiċċju tal-Integrità huwa għodda importanti fi ħdan assoċjazzjoni sportiva serja biex tħares it-trasparenza, mhux biss biex jinterċetta kull tip ta' irregolarità jew aġir mhux xieraq iżda anke biex jeduka dwar l-importanza tal-integrità.**

Wara kontribut eċċellenti bħala l-ewwel Integrity Officer appuntat mill-Malta Football Association, Franz Tabone ħalla din il-kariga biex beda jaqdi funzjonijiet differenti fl-Assoċjazzjoni. Il-post vakanti f'din il-kariga ġie fdat f'idejn Dr Herman Mula.

Dr Mula, li għandu esperjenza ta' snin twal f'karigi importanti fil-korp tal-pulizija, minnufih kien parti minn żewġ inizjattivi importanti u f'kollaborazzjoni diretta ma' entitajiet Ewropej.

L-ewwel waħda kienet f'Jannar li għadda, proprju ftit jiem wara li ġie appuntat f'din il-kariga meta pparteċipa f'kors fl-Akkademja tal-UEFA fejn l-Integrity Officers mill-Assoċjazzjonijiet Ewropej irċevew ġimgħa ta' taħriġ minn diversi esperti fil-qasam.




Dan il-kors kien iffukat fuq l-isfidi uniċi fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-futbol u pprovda pjattaforma ta' diskussjoni fuq suġġetti sensittivi, kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi, kif ukoll it-tagħlim biex wieħed jilqa' għal din il-problema fi stadju bikri u bl-aħjar mod possibli.

Fl-istess xahar, Dr Mula beda jikkordina l-proġett Integriball (Erasmus+) organizzat mill-fondazzjoni bl-isem ta' Counter Sports Corruption Foundation for Sport Integrity (CSCF).

F'dan il-proġett, apparti Malta, qed jieħdu sehem ukoll rappreżentanti mill-federazzjonijiet tal-futbol ta' Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, il-Belġju u l-Global Lottery Monitoring System (GLMS).

Il-proġett jikkonsisti fi studju u taħriġ fil-pajjiżi kollha involuti fuq plejers kemm maskili u anke femminili fejn jidħol il-livell grassroots.

L-Integrity Officer qiegħed ukoll jirriċerka u jikkollabora kemm mal-FIFA kif ukoll mal-UEFA biex jitfassal pjan strateġiku ta' azzjoni li jirrifletti l-modi ta' kif l-MFA għandha tagixxi fil-ġlieda tagħha kontra l-manipulazzjoni tal-logħba tal-futbol.

## PREVENZJONI U EDUKAZZJONI

F'dan il-qasam, l-inizjattivi din is-sena ma waqfux għalkemm kienu limitati ħafna minħabba l-pandemija.

Fejn jidħol liċenzjar tal-klabbs tal-Premier biex jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet Ewropej, l-Integrity Officer tal-MFA ltaqa' ma' għaxar



Il-Malta Football Association u l-Malta Gaming Authority iffirmaw ftehim ta' Data Sharing biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport.

klabbs differenti mill-ogħla diviżjoni fejn għamel preżentazzjonijiet edukattivi lill-plejers u l-istaff tekniku.

Saru sensiela ta' preżentazzjonijiet oħra fosthom ma' uffiċjali tal-klabbs Għawdxin membri tal-Gozo FA.

Issa li ninsabu fuq l-għatba ta' bidu ta' staġun ġdid 2020-2021, hemm diversi pjanijiet anke fid-dawl tal-fatt li ħafna mix-xogħol imwaqqaf mill-COVID-19 issa jrid jitwettaq, b'mira ċara li jsiru laqgħat kontinwi possibbilment mal-klabbs kollha.

## INVESTIGAZZJONIJIET

F'dan il-qasam sar ħafna investiment bl-Integrity Officer juża l-esperjenza tiegħu fiż-żamma tal-ordni u aktar tard fil-qasam legali biex adotta stil ġdid fl-investigazzjoni.

Dan għandu jwassal għal aktar kontabbilità, kontinwità u l-aktar importanti proċess ta' ġbir ta' provi li jissodisfa l-bordijiet ta' dixxiplina sportiva fl-MFA, bordijiet ta' dixxiplina fi ħdan il-UEFA, qrati ta' dixxiplina sportiva bħalma hija l-CAS (Court of Arbitration for Sport, f'Lausanne l-Iżvizzera) u ovvjament il-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali, f'Malta.

F'dan il-qafas, lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet l-MFA iffirmat ftehim ta' Data Sharing mal-Malta Gaming Authority, liema ftehim jippermetti liż-żewġ entitajiet jaqsmu nformazzjoni pertinenti bejniethom b'rabta mal-prevenzjoni u l-investigazzjoni fuq suspett ta' logħob manipulat u stanzi oħra ta' korruzzjoni li jistgħu jolqtu d-dinja sportiva.

Dan il-ftehim għandu jwassal biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet fil-kuntest ta' obbligi regolatorji kull meta jkun hemm bżonn investigazzjoni li tkun trid issir bl-aktar mod metikoluż u immedjat skont iċ-ċirkostanzi li jvarjaw minn każ għall-ieħor.




# Football For Life... Aktar proġetti favur l-inklużjoni soċjali u għajnuna lil dawk fil-bżonn

**Il-Football Social Responsibility huwa parti mportanti fil-ħidma tal-Assoċjazzjoni. Bħala l-entità fit-tmun tal-aktar sport popolari fil-pajjiż u li jiġġenera interess ġmielu, huwa fid-dmir tagħna li l-popolarità tal-futbol tintuża wkoll biex jiġu megħjuna dawk fil-bżonn. Dan imur mal-valuri ta' inklużjoni li l-logħba tħaddan anke għaliex il-futbol huwa għal kulħadd u għandu jkun jista' jintlagħab kullimkien u minn kulħadd.**

F'dan is-sens l-Assoċjazzjoni timraħ f'bosta inizjattivi li permezz tagħhom tinħoloq kuxjenza u tgħin biex aktar nies minn sferi u faxex differenti tas-soċjetà, l-aktar dawk dgħajfa, ikomplu jersqu lejn il-logħba.

Il-kunċett tal-inklużjoni ngħata importanza f'diversi dimensjonijiet tiegħu, bħall-ġeneru, razza, żmien u abbiltà. Żdiedet il-kollaborazzjoni ma' numru ta' għaqdiet, assoċjazzjonijiet, aġenziji tal-Gvern u oħrajn.

Dan l-istaġun ix-xogħol tkompla u ġie anke rikononxxut mill-FIFA b'wieħed mill-proġetti tal-FSR innominat għall-FIFA Diversity Awards 2019.

Fost il-proġetti għal dan l-istaġun kien hemm:

- Progett ta' inklużjoni flimkien ma' plejers tat-timijiet nazzjonali f'kull livell, fejn inħoloq grupp tal-FSR bi plejers u staff tekniku.

- Parteċipazzjoni f'Konferenza Nazzjonali dwar l-Ugwaljanza organizzata mill-Gvern, fejn il-Malta Football Association anke tat il-kontribut tagħha fejn jidħlu l-aħjar prattiċi fl-isport.
- Tfal refuġjati ġew mistiedna biex ikunu player escorts fil-logħba tat-tim nazzjonali tan-nisa kontra l-Italja f'Ottubru.
- L-MFA ġiet ikkonfermata bħala membru tad-Disability Access Network b'parteċipazzjoni regolari f'konferenzi organizzati mill-CAFE (Centre for Access to Football in Europe) u l-UEFA dwar l-inklużjoni u diżabilità.
- Għajnuna biex grupp ta' refuġjati jkollhom tim f'livell rikreattiv.
- Saru laqgħat minn assoċjazzjonijiet u fondazzjonijiet biex jinħoloq Disability Football Network fi ħdan l-MFA għal plejers u partitarji b'diżabilità.
- Bħala parti mill-proġett All In All For Football saret ħidma fuq pitch f'Ħal Far, liema proġett għadu għaddej.
- Tnediet kollaborazzjoni mal-Ambaxxata Amerikana biex jintbagħtu plejers żgħażagħ tat-tim nazzjonali tan-nisa biex jiksbu esperjenza fil-Julie Foudy ESPN Sports Leadership Academy.



Tfal minn familji refuġjati ġew mistiedna biex ikunu player escorts fil-logħba tat-tim nazzjonali tan-nisa kontra l-Italja.



Issoktaw l-inizjattivi favur l-inklużjoni soċjali tar-refuġjati.

## PROĠETTI TAL-FSR 2019-2020 (FONDI MILL-EU U L-UEFA)

### #mytime
Proġett għall-anzjani li jixtiequ jilagħbu l-futbol jew jattendu għal-logħob.

### Crossbars
Proġett favur l-inklużjoni ta' residenti minuri tal-Faċilità Korrettiva tal-Imtaħleb, bil-parteċipazzjoni tat-timijiet nazzjonali u Team MT.

### KulFutbol
Għandu l-għan li tinħoloq applikazzjoni (App) għat-tfal u ż-żgħażagħ biex tgħinhom jagħmlu eżerċizzji u jitgħallmu dwar nutrizzjoni permezz ta' logħba fuq l-ismartphones tagħhom.

### PlayGreen
Proġett biex jgħin lil dawk kollha involuti fil-futbol isiru jafu aktar dwar kif il-logħba tista' tkun mezz ta' aktar għarfien biex inħarsu aħjar l-ambjent tagħna.

### IFlipp
Proġett immirat biex isaħħaħ l-ugwaljanza u l-inklużjoni ta' minoritajiet etniċi fil-futbol.

### Play Football Live Football
Proġett ieħor favur l-inklużjoni u l-integrazzjoni ta' persuni Maltin u barranin biex jinħolqu aktar klabbs tad-dilettanti.

## INIZJATTIVI MATUL IL-COVID-19

- Il-kampanja #IbqaĠewwa żaret 'il fuq minn 40 lokalità f'perjodu ta' sitt ġimgħat; personalitajiet membri ta' Team MT nedew kampanja biex tferraħ lin-nies li minħabba l-pandemija qattgħu ħafna ħin id-dar.

- Il-kampanja Uża Moħħok fejn numru ta' personalitajiet u plejers tat-timijiet nazzjonali ħadu sehem f'kampanja fuq il-midja soċjali.

- BOV Premier eChallenge bil-parteċipazzjoni ta' membri ta' Team MT b'kummentarju ta' logħob virtwali.

Huwa ta' sodisfazzjon li l-MFA hija rikonoxxuta mill-UEFA fost ta' quddiem fejn jidħlu inizjattivi marbuta mal-Football Social Responsibility u dan joħroġ minn studju li kien sar bit-tema Refugees and Football dwar ħidma ta' inklużjoni fil-komunità tal-futbol.

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-MFA rċeviet fondi kemm mill-UEFA kif ukoll mill-Unjoni Ewropea għal dawn l-inizjattivi. Fil-każ tal-UEFA, l-MFA kienet waħda minn sitt assoċjazzjonijiet li bbenefikaw minn fondi ta' din ix-xorta.

Uħud mill-proġetti ta' din is-sena jinkludu:-

### Include Me and I Will Understand

Dan huwa proġett ta' inklużjoni kemm għar-refuġjati kif ukoll għall-Maltin vulnerabbli li jibbenefikaw mis-servizzi soċjali tal-istat.

Permezz ta' dan il-proġett, l-MFA tgħin biex tintegra nies ta' kull ġeneru, razza, età u abbiltà fil-futbol, anke bl-għajnuna tal-klabbs tal-futbol lokali.

'Il fuq minn 20 klabb ipparteċipaw f'dan il-proġett u bbenefikaw fost oħrajn permezz ta' kiri ta' grawnds, ħlas lill-kordinaturi tal-klabbs, kiri ta' tagħmir għat-taħriġ, ħlas lill-coaches għas-sessjonijiet ta'



**L-MFA kompliet tagħti l-kontribut tagħha fil-programm edukattiv 'Bil Qari u l-Kitba Niskorja'.**

taħriġ u ħlas tal-miżata tat-tfal (f'każijiet soċjali) fin-nurseries tal-klabbs.

Għal din is-sena li ġejja, l-MFA qed taħdem fuq proġett ieħor li jinvolvi l-klabbs u l-inklużjoni. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u l-UEFA.

## Football Inclusive Hubs

Kunċett ġdid fi ħdan id-dipartiment tal-FSR huwa l-ħolqien ta' Football Inclusive Hubs (FIH).

Dawn huma hubs fejn kulħadd jista' jiltaqa' biex jilgħab il-futbol, jiltaqa' u jintegra f'numru t'attivitajiet.

Permezz tal-MFA u l-UEFA Children Foundation kif ukoll il-UEFA Refugee Grant, l-ewwel hub se jkun f'Santa Venera, u warajh ieħor f'Ħal Far.



Plejers tat-timijiet nazzjonali jappoġġjaw inizjattivi tal-FSR.

## Everyone's Game

Din kienet kampanja biex tinħoloq kuxjenza dwar il-komunità LGBTIQ fejn waqt numru ta' logħbiet mill-kampjonat, il-plejers libsu kemm faxex kif ukoll lazzijiet kulur il-qawsalla.

## Silence is Not Golden

Kampanja biex tinħoloq kuxjenza dwar il-vjolenza domestika u kif din għandha tiġi indirizzata. Din il-kampanja saret flimkien mal-Kummissjoni għall-Vjolenza Domestika.

| Perjodu | Proġetti kofinanzjati mill-UE | Għanijiet | Budget (€) |
|---|---|---|---|
| 2019-2021 | Play Football Live Football | Integrazzjoni tar-refuġjati permezz tal-futbol | 251,000 |
| 2019-2021 | PlayGreen | Aktar għarfien biex inħarsu aħjar l-ambjent tagħna permezz tal-futbol | 12,000 |
| 2019-2021 | iFLIPP | Insaħħu l-ugwaljanza u l-inklużjoni ta' minoritajiet etniċi fil-futbol | 15,000 |
| 2020-2022 | Skills4Sports | Aktar impjegati kwalifikati aħjar fis-settur tal-isports u fl-istess ħin joffri opportunitajiet lin-NEETS u liż-żgħażagħ | 176,000 |
| 2019-2021 | Integriball | Programm ta' edukazzjoni li jiffoka fuq il-ħarsien ta' plejers adoloxxenti (U16-18) u femminili minn theddid ta' manipulazzjoni tal-isport u regolamenti oħra relatati mal-isport jew attivitajiet kriminali | 18,000 |
| 2020-2022 | Coaches of Today, Trainers of Tomorrow | Mobilità fit-tagħlim mal-Assoċjazzjonijiet ta' Ċipru u l-Latvja biex intejbu l-ħiliet tal-coaches permezz ta' programm ta' skambju ta' mobilità | 12,000 |

**Mill-2018, l-Assoċjazzjoni bbenefikat minn madwar €600,000 f'fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea.**



# Inizjattivi edukattivi, korsijiet u skemi ta' għajnuna

## Certificate in Football Administration

L-MFA, bħala parti mill-pjan tagħha sabiex ikompli jissaħħaħ l-aspett amministrattiv fil-klabbs, organizzat it-tielet u r-raba' edizzjonijiet ta' Certificate in Football Administration – Level 1 (CFA) bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020. L-attendenza kienet ta' 27 parteċipant għal kull edizzjoni, b'dan tal-aħħar iseħħ f'Għawdex.

L-ewwel livell tas-CFA jikkonsisti f'diversi suġġetti relatati mal-amministrazzjoni tal-futbol fosthom football management, ir-regoli tal-MFA, il-liġi u l-aspetti regolatorji, l-ippjanar strateġiku, il-finanzi, l-IT, il-midja u r-relazzjonijiet pubbliċi, il-kummerċjalizzazzjoni u r-riżorsi umani.

Il-parteċipanti li kkonkludew dan il-kors kienu wkoll eliġibbli li jiġu ingaġġati mill-klabbs, li min-naħa tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn assistenza finanzjarja taħt il-Football Administrators Fund Scheme. Barra minn hekk, l-MFA għenet ukoll b'sussidju finanzjarju lill-parteċipanti li spiċċaw dan il-kors sabiex jagħmlu l-kors tal-Università ta' Malta IPES Certificate in Sport Administration and Management Course.




Il-parteċipanti tat-tielet edizzjoni tas-Certificate in Football Administration li sar bejn Ottubru u Jannar.




## UEFA Assist – kollaborazzjoni bejn il-Malta Football Association u s-Seychelles FA

Il-Malta Football Association ġiet magħżula fi proġett tal-UEFA msejjaħ UEFA Assist li l-għan tiegħu huwa li jkun hemm sħubija u assistenza ma' assoċjazzjonijiet minn barra l-Ewropa. F'dan il-proġett l-MFA qasmet l-esperjenza tagħha tal-futbol tan-nisa mal-Assoċjazzjoni tal-Futbol tas-Seychelles.

F'Ottubru, il-ħidma f'dan l-ambitu bdiet minn żjara tas-sinjura Guyra Boniface, rappreżentanta tal-Assoċjazzjoni tal-Futbol tas-Seychelles, lid-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa tal-MFA. Hija qattgħet ftit jiem ta' shadowing ma' numru ta' impjegati ta' dan id-dipartiment. Dawn elaboraw fuq l-esperjenzi tagħhom, il-metodi ta' ħidma u l-istrateġija ta' dan is-settur tal-MFA. Guyra Boniface attendiet sessjonijiet ta' taħriġ tal-akkademja tal-bniet ta' taħt it-12-il sena, kif ukoll għall-partiti tal-kampjonat tal-bniet ta' taħt il-15-il sena.

Fil-pass li jmiss l-MFA se żżur lil din l-assoċjazzjoni bil-għan li tosserva l-andament tagħha u tgħin fi kwalunkwe bidliet fl-istrateġija tagħhom li jkunu intiżi biex jiffaċilitaw titjib f'dan is-settur.

## Sprint HUB: Kollaborazzjoni mal-MCAST

Huwa dejjem ta' pjaċir meta studenti jippreżentaw xogħolhom lill-Assoċjazzjoni dwar xi aspett li fih topera. L-MFA hija miftuħa għal dawn it-tipi ta' opportunitajiet, għaliex nemmnu li huwa ta' mertu li riċerkaturi żgħażagħ iħarsu lejn l-Assoċjazzjoni bħala lok fejn il-potenzjal huwa apprezzat. F'dan l-ispirtu l-MFA bdiet kollaborazzjoni fi ħdan l-MCAST SPRINT HUB, pjattaforma ta' riċerka applikata li permezz tagħha l-ħidma tal-istudenti tkun utli għall-Assoċjazzjoni.

Matul l-aħħar ġimgħat sar ftehim bejn l-MFA u l-MCAST SPRINT HUB sabiex jibda l-proċess fuq żewġ proġetti ta' riċerka, partikolarment:

- Ħarsa lejn l-injuries fil-futbol Malti maskili; u
- Il-konformità mal-11 Protocol dwar il-prevenzjoni tal-injuries.



Student tal-MCAST jippreżenta r-riċerka tiegħu.

## COMET – Aktar servizzi online

Wara żewġ staġuni minn meta s-sistema tal-COMET bdiet tiġi mplimentata, wieħed jista' jgħid li din indrat mill-partijiet ikkonċernati kollha u llum hija sors ta' data importanti. L-istakeholders illum il-ġurnata jifhmu l-importanza ta' din l-applikazzjoni bbażata online li tiġbor il-proċessi ewlenin kollha u d-data tal-Assoċjazzjoni u l-membri kollha.

Wieħed irid jifhem ukoll li din is-sistema hija proċess ħaj, u ser tkompli tiżviluppa minn żmien għal żmien u hemm tim ta' nies li qegħdin f'kuntatt dirett mal-kumpanija li tipprovdi dan is-servizz, assoċjazzjonijiet nazzjonali oħra, il-UEFA u l-FIFA sabiex jaħdmu kontinwament biex itejbu diversi proċessi u anke jiġu introdotti komponenti ġodda. Fil-fatt hemm diversi proġetti interessanti li diġà bdejna naħdmu fuqhom, partikolarment l-integrazzjoni ma' servizzi oħra kemm lokali kif ukoll internazzjonali.

Komponent ġdid li l-MFA introduċiet f'din is-sistema f'Ġunju 2020 huwa 'MyCOMET' li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar ta' korsijiet u ħlas tal-liċenzji tal-coaches. Dan il-komponent qed jgħin sabiex il-coaches tagħna jużaw pjattaforma waħda online għalkollox, kif ukoll jagħtihom l-aċċess sabiex jużaw is-sistema direttament.

B'hekk ġew iffaċilitati mhux ftit il-proċessi eżistenti u bdiet tkun ta' użu biex jiġu ġġenerati faċilment diversi rapporti dettaljati bi statistika fuq diversi aspetti relatati mal-logħba tal-futbol li sa ftit ilu kienu neqsin jew sparpaljati. L-għan ewlieni ta' din is-sistema jibqa' wieħed li dan kollu għandu jgħin u jwassal għal teħid tad-deċiżjonijiet b'mod aktar infurmat.







## InStat

Illum id-deċiżjonijiet infurmati jistgħu jittieħdu anke fil-pitch. Kulħadd huwa konxju kif il-logħba tal-futbol qed tkompli tiżviluppa anke fuq livell ta' teknoloġija informatika. Mill-istaġun 2018-2019 il-Malta FA bdiet tuża għodda bħal mhi l-InStat għat-timijiet nazzjonali kif ukoll estendiet dan is-servizz sabiex jibda jintuża wkoll mill-klabbs tal-BOV Premier League kollha, servizz li se jkompli jiġi offrut għall-istaġun li ġej ukoll.

Barra minn hekk, mill-istaġun 2020-2021 dan is-servizz se jkun qed jiġi estiż għall-klabbs taċ-Challenge League. InStat hija kumpanija li toffri servizz ta' analiżi u statistika dwar il-prestazzjoni tat-tim u l-plejers individwali tal-klabb u anke tal-avversarju li jkun se jilgħab kontrih. Dan kollu huwa kkumplimentat b'videos tal-logħba nnifisha. Jistgħu anke jiġu editjati videos u jintbagħtu lill-plejers tat-tim biex ikun spjegat aħjar dak li wieħed irid juri. Permezz ta' din il-pjattaforma online, wieħed jista' jfittex u jqabbel ma' plejers oħrajn, kemm dawk li qegħdin jilagħbu fil-Kampjonat BOV Premier kif ukoll dawk li jilagħbu f'kampjonati barranin.

Għalhekk, dan is-servizz qed ipoġġi fuq il-mappa internazzjonali lill-plejers li qed jilagħbu fl-ogħla kampjonat lokali, u issa anke fiċ-Challenge League, sabiex klabbs oħrajn internazzjonali jkunu jistgħu jaraw il-progress tagħhom.

Vantaġġ kbir ieħor li tagħti din il-pjattaforma hija li jsiru deċiżjonijiet infurmati sew qabel ma jiġu ingaġġati plejers li jkunu ġejjin minn kampjonati barranin.

## Youth Players Abroad – Grant Scheme

Matul l-aħħar snin, rajna żieda fi plejers żgħażagħ li jfittxu esperjenza jew saħansitra karriera professjonali barra mill-pajjiż. Madankollu, ħafna minn dawn il-plejers li segwew din it-triq sabu diffikultajiet sabiex jadattaw għall-ħajja barra minn Malta. Għalhekk, l-MFA fil-bidu tal-istaġun 2019-2020 reġgħet nediet l-iskema tal-Youth Players Abroad – Grant Scheme bil-għan li tiffaċilità din it-transizzjoni u żżid iċ-ċansijiet ta' suċċess għal plejers li jmorru jilagħbu barra minn xtutna. Din ir-reviżjoni saret sabiex jiġi żgurat li jiġu massimizzati l-benefiċċji mill-fondi disponibbli għall-iżvilupp ta' plejers tal-futbol promettenti.

Fost diversi għajnuniet, l-iskema kopriet erba' pilastri ewlenin li kienu jinkludu fees f'tagħlim akkademiku, għotjiet għall-għajxien, titjiriet u vjaġġar, u fees ta' professjonisti f'oqsma differenti.

F'dan l-ewwel staġun minn meta din l-iskema ġiet riformulata, total ta' €45,000 ġew allokati għal plejers li ttantaw xortihom f'diversi pajjiżi li jinkludu l-Ingilterra, l-Italja, l-Awstralja, Spanja u l-Ġermanja. Dan l-ammont laħħaq għal 90% tal-fondi allokati għal din l-iskema fl-istaġun 2019-2020. Wara s-suċċess miksub, din l-iskema ġiet konfermata għall-istaġun 2020-2021 sabiex l-Assoċjazzjoni tkompli tinkoraġġixxi plejers żgħażagħ biex isegwu karriera tal-futbol professjonali barra l-pajjiż. ■

## Skemi Finanzjarji

Hekk kif kien approvat mill-Kunsill fil-bidu tal-istaġun 2019-2020, il-Malta Football Association reġgħet nediet sensiela ta' skemi ta' inċentivi biex tappoġġja l-klabbs membri kif ġej:

### DEVELOPMENT POT

€170,205

L-għan ta' din l-iskema huwa li l-Assoċjazzjoni tħeġġeġ lill-klabbs jagħtu aktar ħin ta' logħob lill-plejers żgħażagħ billi jippremjawhom għal kull dehra mal-iskwadra prinċipali. Għall-istaġun 2019-2020 total ta' €170,205 tqassmu minn din l-iskema bejn id-diviżjonijiet kollha.

### GUARANTEED GATE INCOME SCHEME

€264,250

Fil-laqgħa tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru, 2019 ġie kkonfermat li l-gate money ma jibqax jitqassam direttament lill-klabbs. Minflok, ġie maqbul li titħallas somma fissa u garantita lil kull klabb skont il-pożizzjoni finali fil-kampjonat rispettiv. Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni allokat total ta' €264,250 fi dħul garantit lill-klabbs membri, irrispettivament miċ-ċifri ta' attendenza għal-logħbiet tagħhom. L-Assoċjazzjoni kkommettiet ruħha li tħallas dan l-ammont anke wara li l-attività kollha kellha titwaqqaf minħabba l-COVID-19, li rriżultat f'nuqqas ta' dħul konsiderevoli għall-Assoċjazzjoni f'perjodu meta normalment l-attendenzi jiżdiedu hekk kif il-kampjonati jkunu waslu fil-fażijiet finali u l-aktar interessanti.

### FACILITY MAINTENANCE SCHEME

€20,000

L-Assoċjazzjoni tara li tinċentiva l-manutenzjoni tal-faċilitajiet tal-klabbs billi tgħin lilhom u lill-komunitajiet li jservu speċjalment fejn jidħlu miżuri ta' saħħa u sigurtà. Permezz ta' din l-iskema l-MFA ħallset total ta' €20,000 lill-klabbs li applikaw għall-provvista ta' manutenzjoni u titjib tal-faċilitajiet eżistenti.

### CLUB ADMINISTRATOR SCHEME

€27,000

Fi sforz biex ittejjeb l-aspett amministrattiv fil-klabbs, l-MFA organizzat it-tielet edizzjoni tal-kors fl-amministrazzjoni tal-futbol, li matulu l-partijiet interessati ġew imħarrġa u ngħataw l-għarfien bażiku dwar it-tmexxija tal-klabbs tal-futbol.

Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni permezz tal-Club Administrator Scheme kompliet tassisti lill-klabbs finanzjarjament billi kopriet parti mill-ispejjeż tagħhom diretti lejn l-ingaġġ ta' amministratur. Għall-istaġun 2019-2020 total ta' €27,000 ġew allokati minn din l-iskema lill-klabbs li impjegaw amministratur kwalifikat magħhom. ■

# Futsal u Beach Soccer

## FUTSAL

L-istaġun tal-futsal 2019-2020 fetaħ bis-Super Cup bejn Valletta Futsal u Luxol St Andrews Futsal (7-3) li saret għall-ewwel darba fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport f'Pembroke.

Minn dan l-istaġun dan il-post kellu jilqa' fih ukoll il-Kampjonat Elite u l-logħbiet tat-tim nazzjonali. Il-kumpless tal-Kulleġġ De La Salle min-naħa l-oħra ospita fih il-logħbiet tat-tieni kategorija mill-kampjonat tal-amateurs u dan wara li għal snin twal il-futsal lokali kien jintlagħab fil-Padiljun ta' Hibernians f'Kordin.

Il-Kampjonat Elite sar bejn erba' timjiet fuq bażi ta' tliet rawnds. Dawn kienu Luxol St Andrews Futsal li spiċċaw fl-ewwel post bi 33 punt minn 11-il partita, Valletta Futsal bi 18-il punt, University of Malta Futsal b'disa' punti, u Swieqi United b'ħames punti minn 12-il partita.

L-aqwa skorer tal-kampjonat kien Mark Zammit ta' Luxol St Andrews li skorja total ta' 10 gowls.



L-MFA organizzat tournament ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA Futsal EURO aktar kmieni din is-sena.

Fil-kampjonat tal-amateurs ħadu sehem sitt timijiet li kienu Luxol St Andrews B, Swieqi United B, Żurrieq Futsal, Marsaskala, Qormi Futsal u South Boys. F'dan il-kampjonat ħadu sehem taħlita ta' plejers żgħażagħ u oħrajn veterani għal-logħba tal-futsal.

Il-kampjonat sar fuq bażi ta' żewġ rawnds, fejn Luxol St Andrew's B spiċċaw fl-ewwel post f'din il-kategorija b'26 punt, Swieqi Utd b'21 punt, Żurrieq Futsal u Marsaskala spiċċaw it-tnejn bi 15-il punt, waqt li Qormi Futsal kisbu seba' punti u fl-aħħar post ġew South Boys b'erba' punti.

L-aqwa skorer hawnhekk kien Tyron Borg ta' Żurrieq FC.

Matul dan l-istaġun għall-ewwel darba saret ukoll il-Christmas Cup bit-tema prinċipali tagħha tkun Futsal għall-Istrina u fiha ħadu sehem it-timijiet kollha, 10 b'kollox. L-iskop ewlieni kien li dawk kollha involuti f'din il-logħba jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom b'risq il-Community Chest Fund.

Ir-rebbieħa ta' din l-ewwel edizzjoni kienu Luxol St Andrews.

Matul l-istaġun ħadu sehem xejn inqas minn 195 plejer fiż-żewġ kampjonati u n-Knock Out li minnhom kien hemm 39 plejer barrani.

## TIM NAZZJONALI

Dan l-istaġun rajna bidla fit-tmexxija teknika tat-tim hekk kif Zeljko Anicic ħa post Vic Hermans li serva għal dawn l-aħħar sentejn.

Mark Marlow ingħata r-responsabbiltá tat-tmexxija tal-Futsal u l-Beach Soccer fi ħdan l-MFA .

L-iskwadra nazzjonali tal-futsal kienet impenjata f'tournament mir-rawnd ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA



Malta kisbet l-ewwel punt f'kompetizzjoni uffiċjali tal-UEFA wara draw ta' 1-1 kontra l-Greċja.

Futsal EURO 2020 li sar bejn id-29 ta' Jannar u l-1 ta' Frar, 2020 fl-Iskola Nazzjonali tal-Isport.

F'dan it-tournament, it-tim nazzjonali kellu wirjiet pożittivi ħafna, kien ferm viċin l-ewwel rebħa f'kampjonat uffiċjali, madankollu s-sodisfazzjon kien hemm xorta bl-ewwel punt li wasal fi draw kontra l-Greċja.

Wara telfa ta' 6-4 kontra l-Iżvezja fil-partita inawgurali, wasal id-draw ta' 1-1 mal-Greċja, tim fuq il-karta u fir-rankings aħjar minna, iżda l-plejers tagħna qamu għall-okkażjoni, marru fil-vantaġġ u kellu jkun gowl sfortunat lejn tmiem il-partita minn anglu magħluq li ċaħħad lil Malta minn rebħa storika.

L-aħħar partita, nhar is-Sibt l-1 ta' Frar, kienet kundizzjonata minn riżultat kontrina fil-logħba ta' qabel. Bil-Greċja jieħdu l-punti f'rebħa mhux mistennija fuq l-Iżvezja u għalhekk bit-tama li nevitaw l-aħħar post kienet diġà taret mar-riħ, it-tim fl-ewwel post, il-Polonja, rebaħ bl-iskor kbir 11-0 biex issiġilla r-rebħ tal-grupp.

Bi preparazzjoni għal dan it-tournamemt tal-UEFA, it-tim Malti kellu erba' partiti ta' ħbiberija f'pajjizna, tnejn mal-Armenja f'Ottubru, b'telfa pjuttost kbira fl-ewwel dwell, qabel wirja aħjar għall-plejers tagħna l-għada u draw ta' 3-3 kontra l-istess avversarju.

Żewġ partiti oħra kienu kontra l-Bulgarija f'Jannar, proprju ftit jiem qabel il-ftuħ tat-tournament uffiċjali, hawnhekk riżultati pożittivi fi draw ta' 2-2 u rebħa ta' 3-1 għat-tim Malti.

F'Ġunju, l-MFA organizzat kors ta' livell bażiku biex coaches Maltin u anke nies oħra involuti fil-logħba jingħataw opportunità ta' żvilupp bħala parti mill-isforzi kontinwi biex il-futsal ikompli jikber.

## BEACH SOCCER

Il-Kumitat tal-Beach Soccer bil-mod reġa' beda jaħdem biex wara xi snin inattiv, il-kampjonat jerġa' jibda jkun organizzat b'mod aktar stabbli u kontinwu.

F'dipartiment li issa jħares l-aspett tekniku tal-futsal u l-beach soccer, qed titfassal strateġija li tagħti bażi soda għall-futur, bi programm serju fejn jidħol grassroots, investiment f'faċilitajiet ġodda fejn ikun jista' jsir dan il-logħob, kif ukoll tagħlim għar-referees tal-logħba u t-tfassil ta' kampjonati nazzjonali.

Il-kumitat qed iħares ukoll biex 'il quddiem, permezz ta' għajnuna mill-UEFA, jibdew jiġu organizzati korsijiet għall-coaches Maltin u oħrajn interessati.



Attività tal-beach soccer li se jkun qed jingħata spinta.



# Messaġġ tal-President

**Għaddiet sena minn meta bdiet il-ħidma tiegħi bħala President tal-Assoċjazzjoni, sena ferm impenjattiva u partikolari minħabba l-avvenimenti straordinarji marbuta mal-pandemija COVID-19.**

Minkejja l-isfidi li ffaċċjat l-Assoċjazzjoni, li kienu jirrikjedu sigħat twal ta' diskussjonijiet mal-imsieħba kollha u pjanijiet ta' azzjoni varji, huwa ta' sodisfazzjon għalija li xorta rnexxielna nwettqu ħafna mill-proġetti li kienu ppjanati grazzi għall-impenn u l-kontribut tal-klabbs u l-Assoċjazzjonijiet Membri u dawk kollha li kienu parti mill-istrutturi tal-MFA.

Madanakollu, is-sitwazzjoni bla preċedent wasslet biex issir reviżjoni fuq il-proġetti li kienu diġà varati u li kienu fi stadju avvanzat biex tibda l-implimentazzjoni. Fost dawn il-pjanijiet, kien hemm li niċċelebraw kif xieraq il-120 sena anniversarju tal-MFA, b'hekk nibqgħu kommessi biex norganizzaw avvenimenti u inizjattivi oħra fix-xhur li ġejjin. Minbarra hekk, fost l-oħrajn kellu jiġi pospost il-proġett dwar it-timijet professjonali proprju fil-perjodu meta konna qed niffinalizzaw il-preparazzjonijiet tagħna wara l-isforzi kbar li saru fl-aħħar xhur u l-iffirmar ta' memorandum mal-FIGC.

Mill-ewwel jiem tal-ħatra tiegħi, f'Lulju, bdejna naħdmu qatigħ biex nimplimentaw dawk il-proġetti li qbilna li huma kruċjali sabiex l-MFA u l-futbol Malti u Għawdxi jkomplu jimirħu u jtejbu l-livell speċjalment fit-teknika u fil-governanza. Għamilna struttura ġdida ta' riżorsi fl-amministrazzjoni u fis-settur tekniku tat-timijiet nazzjonali u ħtarna Head Coach għat-Timijiet Nazzjonali biex imexxi dan is-settur u jimplimenta filosofija unika għat-timijiet nazzjonali kollha.

B'sodisfazzjon wasalna biex emendajna r-Regolamenti tal-Istatus u t-Trasferiment tal-Plejers (RSTP). Tragward li ilu mixtieq anke biex niġu konformi mar-regoli tal-FIFA, ewlenija fosthom dik li plejer professjonali li jkun skadielu l-kuntratt jista' jiċċaqlaq mingħajr kumpens.

Matul din is-sena twaqqfu kumitati apposta biex jinbdew il-proċessi sabiex ikollna riformi fil-liċenzjar tal-klabbs, l-istatut tal-MFA u fil-qafas legali tal-klabbs permezz ta' ristrutturar neċessarju.

Waqt li l-kompetizzjonijiet tal-futbol kienu sospiżi minħabba l-imxija tal-COVID-19, ħtafna l-opportunità biex infasslu wkoll il-qafas ta' kunċett ġdid għall-Kampjonati tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni. Dawn se jkunu amalgamati f'kampjonat wieħed, bl-isem ta' National Amateur League, u li se joffri opportunitajiet akbar lit-timijiet li jilagħbu fih. Dan il-kampjonat ġdid se jara l-bidu tiegħu fl-istaġun 2020-2021 u b'hekk tkun saret klassifikazzjoni tal-klabbs f'livelli li se jkunu stabbiliti mill-mertu sportiv f'termini ta' prestazzjoni u fil-futur skont kriterji li jwasslu għal ekosistema stabbiliti fit-tmexxija tal-klabbs membri.

Matul dawn l-aħħar xhur li raw lil pajjiżna jieqaf, indirizzajna d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-klabbs minħabba din il-pandemija. L-Assoċjazzjoni nediet pakkett finanzjarju sabiex tgħin kif tista' biex jittaffew ftit mill-problemi finanzjarji li ltaqgħu magħhom il-klabbs minħabba dan il-perjodu ta' inċertezza. In-nefqa totali li kienet ivvutata biex l-impatt finanzjarju fuq il-klabbs ikun minimu kemm jista' jkun u biex l-MFA tkompli ssostni l-operat tal-kompetizzjonijiet, illum jagħmel terz mill-fatturat totali ġġenerat.

Kienet sena ta' sfida, fejn qatt ma immaġinajna li niltaqgħu ma' dan il-għawġ li ltqajna miegħu. Pero kienet sena li saħħitna u li tatna nifs biex nirriġeneraw fuq l-aspetti l-aktar ta' prijorità. Issa li qed nerġgħu nqumu fuq saqajna, ċert li se noħorġu aktar b'saħħitna milli konna qabel.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtu s-sehem tagħhom fil-futbol Malti kif ukoll lil dawk li sibniehom ta' appoġġ fil-mument ta' forza maġġuri.

**Bjorn Vassallo**
President

# Anness I

## Laqgħat tal-Kunsill tal-MFA – 2019-2020

| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 12th Augsut, 2019 | 17th October, 2019 | 6th December, 2019 | 18th February, 2020 | 25th May, 2020 * | 8th June, 2020 * | 7th June, 2020 | Preżenti | Skużat | Assenti | TOTAL |
| President | Vassallo Bjorn | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Senior Vice-President | Micallef Ludovico A&CE | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Vice-President | Casha Adrian | P | P | P | S | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| Vice-President | Paris Matthew Dr | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Treasurer | Mizzi Ivan | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| General Secretary | Chetcuti Angelo Dr | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Executive Assistant | Micallef Louis | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Football Services | Pisani Rodney | S | S | S | S | P | P | A | 2 | 4 | 1 | **7** |
| Chief Officer Football | Kurt Formosa | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Chief Officer Adminstration | Ivan Vella | | | | | | P | P | 2 | 0 | 0 | **2** |
| Office of the General Secretary | Matthew Sciberras | | | | | P | P | S | 2 | 1 | 0 | **3** |
| Communications Asst. | Vassallo Rodney | P | S | A | P | A | A | P | 3 | 1 | 3 | **7** |
| Communications Director | Kevin D. Azzopardi | S | P | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |

# Laqgħat tal-Kunsill tal-MFA 2019-2020

| | | 1<br>12th August, 2019 | 2<br>17th October, 2019 | 3<br>6th December, 2019 | 4<br>18th February, 2020 | 5<br>25th May, 2020 * | 6<br>8th June, 2020 * | 7<br>7th June, 2020 | Preżenti | Skużat | Assenti | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta Amateur Football Association | Abdilla David | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Hibernians FC | Abela Jesmond | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Balzan FC | Agius Joe | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Malta Amateur Football Association | Agius Twanny | A | P | P | P | P | P | P | 6 | 0 | 1 | **7** |
| Malta Football Coaches Association | Aquilina Lawrence | P | P | P | P | P | A | P | 6 | 0 | 1 | **7** |
| Inter Amateur Soccer Competition | Azzopardi Charles | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Gozo Football Association | Azzopardi Samuel Dr | P | A | A | A | P | P | P | 4 | 0 | 3 | **7** |
| Żabbar St. Patrick FC | Baldacchino Joseph | P | S | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| District Football League | Bartolo Carmelino | P | P | P | A | P | P | P | 6 | 0 | 1 | **7** |
| Industries Soccer Association | Bonett Chris Dr | S | P | A | P | P | P | S | 4 | 2 | 1 | **7** |
| Floriana FC | Borg Dione | A | S | P | S | P | P | P | 4 | 2 | 1 | **7** |
| Luqa St. Andrew's FC | Borg Godfrey | S | P | S | P | P | P | P | 5 | 2 | 0 | **7** |
| Gudja United FC | Borg Myatt Duncan Dr | P | A | S | A | P | P | P | 4 | 1 | 2 | **7** |
| Youth Football Association | Cacciottolo Alfred | A | A | P | A | S | S | A | 1 | 2 | 4 | **7** |
| Pembroke Athleta SC | Calleja Alex | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Birżebbuġa St. Peter's FC | Calleja Stephen | P | S | P | A | P | P | P | 5 | 1 | 1 | **7** |
| Xgħajra Tornados FC | Camilleri Raymond | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Siġġiewi FC | Camilleri Robert John | | P | P | P | P | P | P | 6 | 0 | 0 | **6** |
| Qormi FC | Camilleri Victor | S | P | A | A | P | A | A | 2 | 1 | 4 | **7** |
| Għaxaq FC | Caruana Paul | A | P | A | A | P | A | P | 3 | 0 | 4 | **7** |
| Industries Soccer Association | Cassar Kenneth | | P | P | P | P | A | P | 5 | 0 | 1 | **6** |
| San Ġwann FC | Colombo Raymond | A | A | A | P | P | P | P | 4 | 0 | 3 | **7** |
| Senglea Athletic FC | Curmi Richard | P | S | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| St. George's FC | Cutajar Michael | P | S | S | P | P | A | S | 3 | 3 | 1 | **7** |
| Ħamrun Spartans FC | Cassar Victor | P | S | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| Sliema Wanderers FC | Debono Mario | A | A | P | | | | | 1 | 0 | 2 | **3** |
| Swieqi United FC | Dingli Robert Dr | P | S | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| St. Andrews FC | Falzon Paul | S | S | S | S | S | | | 0 | 5 | 0 | **5** |
| Qrendi FC | Farrugia Carmelo | A | A | A | A | P | P | P | 3 | 0 | 4 | **7** |
| Birkirkara FC | Farrugia Jeffrey | P | A | A | | | | | 1 | 0 | 2 | **3** |
| Kirkop United FC | Farrugia Joseph (KIR) | S | P | S | P | P | A | S | 3 | 3 | 1 | **7** |
| Mqabba FC | Farrugia Julio | A | P | P | P | P | A | A | 4 | 0 | 3 | **7** |
| St. Venera L. FC | Farrugia Raymond | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Mellieħa SC | Fenech Joe | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Lija Athletic FC | Fenech Peter Dr | P | P | S | S | P | P | P | 5 | 2 | 0 | **7** |

# Laqgħat tal-Kunsill tal-MFA 2019-2020

| | | 1<br>12th Augsut, 2019 | 2<br>17th October, 2019 | 3<br>6th December, 2019 | 4<br>18th February, 2020 | 5<br>25th May, 2020 * | 6<br>8th June, 2020 * | 7<br>7th June, 2020 | Preżenti | Skużat | Assenti | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Żejtun Corinthians FC | Fenech Stephanie | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Mosta FC | Galea George | A | P | A | P | P | P | A | 4 | 0 | 3 | **7** |
| Żurrieq FC | Galea Julian | P | A | P | A | P | P | P | 5 | 0 | 2 | **7** |
| Gozo Youth Football Association | Galea Paul | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Mdina Knights FC | Galea Silvio | P | S | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| Futsal Malta Association | Gauci Mark | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Gozo FA | Grech Anthony | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Għargħur FC | Grech Chris Perit | A | P | S | P | P | P | P | 5 | 1 | 1 | **7** |
| Beach Soccer Association | Grech Joseph B. | P | P | P | P | P | P | A | 6 | 0 | 1 | **7** |
| Marsaskala FC | Greenland Cory Not. | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Żebbuġ Rangers FC | Grima Antoine | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Rabat Ajax FC | Grima Mario | P | S | P | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| Tarxien Rainbows FC | Martinelli Claudio | S | P | P | A | P | P | P | 5 | 1 | 1 | **7** |
| Masters Football Malta | Meli Mario | P | P | P | P | P | A | P | 6 | 0 | 1 | **7** |
| Gżira United FC | Micallef Ian Dr | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Malta Football Coaches Association | Micallef Joe (MFCA) | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Youth Football Association | Micallef Joe (YFA) | S | P | P | L | P | P | P | 5 | 1 | 0 | **7** |
| Attard FC | Micallef Raymond | S | S | P | P | P | P | P | 5 | 2 | 0 | **7** |
| Employees Sports Association | Mifsud Kevin | P | P | S | P | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| Dingli Swallows FC | Muscat Carmelo | S | S | S | A | P | S | S | 1 | 5 | 1 | **7** |
| Mġarr United FC | Muscat Chris | A | S | P | P | P | P | P | 5 | 1 | 1 | **7** |
| Sirens FC | Muscat David | | S | S | P | P | P | P | 4 | 2 | 0 | **6** |
| Ta' Xbiex SC | Muscat Eugenio | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Inter Amateur Soccer Competition | Muscat Francis | P | P | P | S | P | P | P | 6 | 1 | 0 | **7** |
| Kalkara FC | Pisani Joseph | P | P | P | P | P | P | P | 7 | 0 | 0 | **7** |
| Naxxar Lions FC | Pullicino Angelo | P | P | A | A | P | A | A | 3 | 0 | 4 | **7** |
